IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.1.2013
COM(2012) 795 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

# PJAN TA' AZZJONI DWAR L-INTRAPRENDITORIJA 2020

**Tkebbis mill-ġdid tal-ispirtu tal-intraprendenza fl-Ewropa**

# WERREJ


1. L-Isfida tagħna – li jkollna iżjed imprendituri fl-Ewropa ........ 3

2. Il-Pilastru ta' Azzjoni 1 - L-edukazzjoni u t-taħriġ fl-intraprendenditorija biex jissostnew it-tkabbir u l-ħolqien tan-negozji ........ 6

2.1. Sisien ġodda: inżidu l-prevalenza u l-kwalità tat-tagħlim tal-intraprendenditorija... .. 6

2.2. ...u fruntieri ġodda: l-edukazzjoni għolja għall-intraprendenditorija ........ 7

3. Il-Pilastru ta' Azzjoni 2 – Noħolqu Ambjent fejn L-Imprendituri jkunu jistgħu Jiffjorixxu u Jikbru ........ 8

3.1. Aċċess aħjar għall-finanzi ........ 9

3.2. Sostenn lill-intrapriżi ġodda fil-fażijiet kruċjali taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom u għajnuna biex jikbru ........ 11

3.3. Niftħu l-bibien għall-opportunitajiet ġodda ta' negozju fl-era diġitali ........ 14

3.4. Trasferimenti kummerċjali aktar faċli ........ 16

3.5. Inbiddlu l-falliment f'suċċess: ċans ieħor għal negozjanti li ġenwinament ifallu ...... 18

3.6. Piż regolatorju: regoli aktar ċari u sempliċi ........ 19

4. Il-Pilastru ta' Azzjoni 3 - il-mudelli eżemplari u l-Ilqugħ ta' gruppi speċifiċi. ........ 22

4.1. Perċezzjonijiet ġodda: l-imprendituri bħala mudelli eżemplari ........ 22

4.2. Orizzonti ġodda: l-indirizzar ta’ nisa, anzjani, migranti, dawk qiegħda, żgħażagħ... 23

4.2.1. In-nisa ........ 24

4.2.2. Anzjani ........ 25

4.2.3. Migranti ........ 26

4.2.4. Nies qiegħda, b’mod partikolari żgħażagħ ........ 27

5. Konklużjonijiet ........ 28

Anness: Azzjonijiet Ewlenin tal-Kummissjoni ........ 29

Anness: Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Imprenditorija 2020 - ix-xrara tal-ispirtu imprenditorjali fl-Ewropa ........ 29

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

# PJAN TA' AZZJONI DWAR L-INTRAPRENDITORIJA 2020

## Tkebbis mill-ġdid tal-ispirtu tal-intraprendenza fl-Ewropa

Sa mill-2008 l-Ewropa ilha tbati l-effetti tal-iżjed kriżi serja għal dawn l-aħħar 50 sena: għall-ewwel darba fl-Ewropa, hemm iżjed minn 25 miljun persuna qiegħda u, fil-maġġoranza tal-Istati Membri, l-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għad ma rnexxilhomx jirkupraw biex jilħqu l-livelli ta' qabel il-kriżi.

Qabel il-kriżi ekonomika u finanzjarja kurrenti, l-ekonomija Ewropea ffaċċjat sfidi strutturali għall-kompetittività u t-tkabbir, kif ukoll tfixkil għall-intraprenditorija. Ħafna minn dawn għadhom jeżistu, iżda l-kriżi kienet ukoll katalist għal tibdil kbir u għall-istrutturar mill-ġdid. L-ekonomija dinjija wkoll tbiddlet f'dawn l-aħħar għaxar snin. Iż-żidiet mgħaġġla fid-domanda u fil-produzzjoni fis-swieq dinjin għamlu pressjoni fuq il-provvista tar-riżorsi u tal-enerġija li wasslet għal tibdil fl-istrutturi tal-kostijiet għall-kumpaniji Ewropej, li ħafna minnhom jiddependu mill-importazzjoni ta' dawn il-provvisti.

L-Istrateġija Ewropa 2020 irreaġixxiet għal dan billi stabbiliet il-pedamenti għat-tkabbir u l-kompetittività fil-ġejjieni li jkunu intelliġenti, sostenibbli u inklussivi, u li jindirizzaw l-isfidi ewlenin tas-soċjetà. It-tiswija tal-problemi tal-imgħoddi u l-istabbiliment tal-UE fuq direzzjoni ta' żvilupp aktar sostenibbli fil-ġejjieni hija responsabbiltà reċiproka tal-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet tal-UE. L-UE, li tirrikonoxxi li l-ekonomiji tagħna huma marbutin ma' xulxin, issa qiegħda tagħti sura ġdida lill-governanza ekonomika biex tiżgura reazzjonijiet politiċi aktar effikaċi għall-isfidi kurrenti u tal-ġejjieni.

**Biex l-Ewropa terġa' tiġi f'tagħha fir-rigward tat-tkabbir u ta' livelli ogħla ta' impjieg, għandha bżonn aktar imprendituri.** B'segwitu għar-Rieżami tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa ta' April 2011 u tal-komunikazzjoni dwar il-politika Industrijali li ġiet adottata f'Ottubru li għadda, il-Pjan ta' Azzjoni propost jistabbilixxi viżjoni mġedda u għadd ta' azzjonijiet li għandhom isiru kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri, biex isostnu l-intraprenditorija fl-Ewropa. Dan il-pjan huwa msejjes fuq tliet pilastri: l-iżvilupp tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-intraprenditorija; il-ħolqien ta' ambjent kummerċjali xieraq; il-mudelli eżemplari u l-mira lejn gruppi speċifiċi.

## 1. L-ISFIDA TAGĦNA – LI JKOLLNA IŻJED IMPRENDITURI FL-EWROPA

**L-Intraprenditorija hija mutur b'saħħtu għat-tkabbir ekonomiku u għall-ħolqien tal-impjiegi[1]:** din toħloq kumpaniji u impjiegi ġodda, tiftaħ swieq ġodda u ssostni ħiliet u abbiltajiet ġodda. Pereżempju fil-qasam tal-industrija, l-intraprenditorija għalhekk hija importanti b'mod partikolari għall-iżvilupp mgħaġġel tas-sitt setturi tat-tkabbir li ġew

[1] Biex issir taf iżjed dwar il-potenzjal tal-intraprenditorija biex toħloq l-impjiegi ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi", 18.4.2012, COM(2012) 173 finali

identifikati fl-aġġornament tal-Komunikazzjoni dwar il-Politika Industrijali tal-Kummissjoni[2]. Bis-saħħa tal-intraprenditorija, l-ekonomiji jsiru **aktar kompetittivi u** innovattivi u din għandha wkoll rwol kruċjali biex jintlaħqu l-miri ta' bosta politiki settorjali Ewropej[3]. Il-kummerċjalizzazzjoni ta' ideat ġodda ttejjeb il-produttività u toħloq il-ġid. Mingħajr l-impjiegi ġodda minn kumpaniji ġodda, it-tkabbir nett medju fl-impjiegi kien ikun negattiv[4]. Il-kumpaniji ġodda, partikolarment l-SMEs, **jirrappreżentaw l-iktar sors importanti ta' impjiegi ġodda:** joħolqu aktar minn erba' miljun impjiegi ġodda fl-Ewropa kull sena[5]. Iżda l-magna tal-irkupru qiegħda tbati: sa mill-2004 'l hawn, **il-proporzjon ta' nies li jippreferu jaħdmu għal rashom milli jkunu impjegati naqas** fi 23 fost is-27 Stat Membru tal-UE[6]. Filwaqt li tliet snin ilu, li wieħed jaħdem għal rasu kienet l-ewwel preferenza ta' 45% tal-Ewropej, issa **dan il-perċentwal niżel għal 37%**[7]. B'kuntrast ma' dan, fl-Istati Uniti u fiċ-Ċina dan il-proporzjon huwa ħafna ikbar: 51% u 56% rispettivament. Barra minn hekk, meta **jiġu stabbiliti impriżi ġodda, fl-UE jikbru aktar bil-mod**[8] milli fl-Istati Uniti jew f'pajjiżi emerġenti, u **hemm inqas minnhom li jidħlu fil-klassifika mal-akbar kumpaniji dinjin**[9]**.**

Hemm varjazzjoni kbira fil-livell u n-natura tal-intraprenditorija bejn Stat Membru u ieħor, u għaldaqstant huma diversi r-raġunijiet għan-nuqqas ta' entużjażmu għal karriera intraprenditorjali. Xi Stati Membri li għandhom livelli ogħla ta' intraprenditorija jirnexxilhom inqas minn oħrajn li jgħinu lill-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju l-ġodda biex jikbru. Fil-biċċa l-kbira, **fl-Ewropa, dawk li jixtiequ jkunu imprendituri jsibu ruħhom f'ambjent diffiċli:** l-edukazzjoni ma toffrix sisien tajbin għal karriera imprenditorjali, l-aċċess għall-kreditu u għas-swieq huwa diffiċli, it-trasferiment tan-negozju huwa diffiċli, hemm il-biża ta' sanzjonijiet punittivi jekk wieħed ma jirnexxix, u hemm proċeduri amministrattivi tqal. L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2013 dan l-aħħar enfasizza l-ħtieġa li l-ambjent kummerċjali jittejjeb biex tiżdied il-kompetittività tal-ekonomiji fl-UE. Barra minn hekk, **il-miżuri għas-sostenn tal-SMEs għadhom żbilanċjati**, b'għadd sostanzjali ta' Stati Membri tal-UE li għadhom ma bdewx jieħdu ħsieb il-karatteristiċi tan-negozji ż-żgħar, b'mod partikolari n-negozji mikro[10], meta jkunu qegħdin jiffurmulaw il-leġiżlazzjoni tagħhom,

---

2 COM(2012) 582 finali ta' Ottubru 2012 identifikat: teknoloġiji tal-manifattura avvanzati u produzzjoni nadifa, teknoloġiji abilitanti essenzjali, bijoprodotti, politika sostenibbli fil-qasam tal-industrija, il-kostruzzjoni u l-materja prima, vetturi nodfa, grilji intelliġenti.

3 Pereżempju il-COM "It-Tkabbir Blu: opportunitajiet għal tkabbir sostenibbli fis-settur tal-baħar u dak marittimu" - COM(2012) 494 finali.

4 Kauffman Foundation "Business Dynamics Statistics Briefing: Jobs created from business start-ups in the United States" http://www.kauffman.org/uploadedFiles/BDS_Jobs_Created_011209b.pdf

5 Kalkolu tal-Kummissjoni bbażat fuq dejta tal-Eurostat (2009)

6 Il-pajjiżi fejn żdiedet il-preferenza li wieħed jaħdem għal rasu bejn l-2004 u l-2012 kienu r-Repubblika Ċeka (minn 30% għal 34%), il-Latvja (42% għal 49%), il-Litwanja (52% għal 58%) u s-Slovakkja (30% għal 33%). http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/facts-figures-analysis/eurobarometer/index_en.htm

7 Flash EB tal-Kummissjoni Ewropea Nru 354 " Entrepreneurship"

8 Albert Bravo-Biosca "The dynamics of Europe's industrial structure and the growth of innovative firms", Konferenza tal-JRC f'Sevilja, Ottubru 2011.

9 Huwa notevoli li l-ġganti korporattivi tal-Ewropa huma biss 12-il kumpanija li ġew stabbiliti fit-tieni nofs tas-seklu 20, mqabbla mal-51 fl-Istati Uniti u s-46 fil-pajjiżi emerġenti. minn dawn, tlieta biss inħalqu fl-Ewropa wara l-1975, imqabbla ma' 26 fl-Istati Uniti u 21 fi swieq emerġenti. T Philippon, N Veron, Bruegel Policy Brief 2008/1.

10 Kif jidher fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: "Inizjattiva Ewropea għall-iżvilupp ta' mikro kreditu b'appoġġ għat-tkabbir u l-impjiegi" COM(2007)0708 finali (adottata fl-20/12/2007).

inkella ma jiffaċilitawx li imprendituri ġenwini li jkunu fallew ikollhom ċans li jerġgħu jibdew mill-ġdid[11].

Mhux talli huwa diffiċli l-ambjent, iżda hemm ukoll **kultura mifruxa li ma tirrikonoxxix u ma tippremjax biżżejjed l-isforzi imprenditorjali** u ma tfaħħarx il-merti tal-imprendituri li jkunu rnexxew, u turihom bħala eżemplari li joħolqu l-impjiegi u l-introjtu. Biex l-intraprenditorija ssir il-mutur għat-tkabbir tal-ekonomija tagħna, **l-Ewropa teħtieġ bidla kulturali radikali mifruxa.**

Fuq l-isfond tal-kriżi ekonomika kurrenti u l-mekkaniżmu ġdid tal-governanza ekonomika, din il-komunikazzjoni tkompli tiżviluppa u tenfasizza l-azzjoni f'dawk l-oqsma fejn ir-Rieżami tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar[12] tal-Kummissjoni identifika li għad hemm ħtieġa ta' titjib kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq dak Ewropew.

Kull SME huwa differenti: il-varjazzjonijiet fid-daqs, fl-oqsma tal-attivitajiet u fil-forma legali jeħtieġu l-attenzjoni addattata ta' dawk li jfasslu l-politika[13]. Dan il-prinċipju japplika bl-istess mod għall-professjonijiet liberali u għall-imprendituri individwali **li wkoll jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ekonomija tal-UE[14]. Il-prinċipju li għandna "l-ewwel naħsbu żgħir" irid ikun il-mudell għall-politiki Ewropej u nazzjonali.**

Jeħtieġ li naħdmu biex niżguraw li l-intraprenditorija ssir prospett attraenti għall-Ewropej. Dan jinkludi wkoll l-imprendituri soċjali, li l-potenzjal tagħhom ta' spiss ma jkunx stmat biżżejjed[15]. Dawn jiġġeneraw impjiegi sostenibbli u wrew reżiljenza aħjar kontra l-kriżi milli kellha l-ekonomija ġenerali. L-imprendituri soċjali huma innovaturi, jimbuttaw l-inklużjoni soċjali u jikkontribwixxu lejn il-kisba tal-miri tal-istrateġija UE2020.

Is-sitwazzjoni kurrenti tista' tinbidel biss permezz ta' **azzjoni kuraġġuża u kkoordinata mill-amministrazzjonijiet kollha fil-livelli Ewropej, nazzjonali u reġjonali.**

*Dan il-Pjan ta' Azzjoni huwa mudell għal azzjoni deċiżiva konġunta biex toħroġ il-potenzjal intraprendenti tal-Ewropa, biex tneħħi t-tfixkil li jeżisti u biex tbiddel b'mod drastiku l-kultura tal-intraprendenza fl-Ewropa. Huwa għandu l-għan li jħeffef il-ħolqien ta' negozji ġodda u li joħloq ambjent ta' aktar sostenn fejn l-imprendituri eżistenti jkunu jistgħu jiffjorixxu u jikbru.*

*Huwa jipproponi tliet oqsma għall-intervent immedjat:*

*1. L-edukazzjoni u t-taħriġ fl-intraprendenditorja biex jissostnew it-tkabbir u l-ħolqien tan-negozji*

[11] 'Business Dynamics: Start-ups, Business Transfers and Bankruptcy' http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/business-environment/files/business_dynamics_final_report_en.pdf

[12] COM(2011) 78 finali, (adottat 23.02.2011), Rieżami tal-"Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa.

[13] Idem

[14] Id-Direttiva 2005/36/KE: "Sal-punt li dawn huma rregolati, … il-professjonijiet liberali, … skont din id-Direttiva, huma dawk li jiġu pprattikati fuq il-bażi ta' kwalifiki professjonali relevanti f'kapaċità personali, responsabbli u professjonalment indipendenti minn dawk li jipprovdu servizzi intellettwali u konċettwali fl-interess tal-klijent u tal-pubbliku."

[15] COM(2011)682 finali (adottat 25/102011) "Il-ħolqien ta' klima favorevoli għall intrapriżi soċjali, il-partijiet interessati ewlenin fl-ekonomija soċjali u l-innovazzjoni". Intrapriża soċjali hija operatur fl-ekonomija soċjali li l-mira ewlenija tagħha hija li jkollha impatt soċjali u mhux li tagħmel il-profitti għas-sidien jew l-azzjonisti tagħha.

*2. It-tisħiħ tal-kundizzjonijiet tal-qafas għall-imprendituri bit-tneħħija tat-tfixkil strutturali eżistenti, u s-sostenn tal-imprendituri fil-fażijiet kruċjali taċ-ċiklu tan-negozju,*

*3. Il-kultura tal-intraprendenza fl-Ewropa tingħata l-enerġija: l-inkoraġġiment ta' ġenerazzjoni ġdida ta' imprendituri.*

## 2. IL-PILASTRU TA' AZZJONI 1 - L-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ FL-INTRAPRENDENDITORIJA BIEX JISSOSTNEW IT-TKABBIR U L-ĦOLQIEN TAN-NEGOZJI

### 2.1. Sisien ġodda: inżidu l-prevalenza u l-kwalità tat-tagħlim tal-intraprendenditorija...

**L-investiment fl-edukazzjoni tal-intraprendenditorija huwa wieħed mill-aqwa investimenti li jrendu li tista' tagħmel l-Ewropa.** L-istħarriġ jagħti ħjiel li bejn 15% u 20% tal-istudenti li jipparteċipaw f'programmi ta' kumpaniji żgħar fl-iskola sekondarja fil-futur jiftħu l-kumpaniji tagħhom, dan huwa proporzjon ta' bejn tlieta u ħames darbiet akbar minn dak tal-popolazzjoni ġenerali[16]. Iż-żgħażagħ li jibbenefikaw mit-tagħlim tal-intraprendenditorija jiżviluppaw **tagħrif kummerċjali** u **ħiliet u attitudnijiet essenzjali** li jinkludu **l-kreattività, l-inizjattiva, t-tenaċja, l-abbiltà li jaħdmu f'tim, il-fehim tar-riskju** u **sens ta' responsabbiltà,** kemm jekk jistabbilixxu xi kummerċ jew itrapriża soċjali, kif ukoll jekk le, wara li jitilqu mill-iskola. Dan huwa t-tip ta' ħsieb intraprenditorjali li jgħin lill-imprendituri **jittrasformaw l-ideat f'azzjoni** u li jżid l-impjegabbiltà b'mod sinifikanti.

L-intraprendenditorija hija kompetenza ewlenija fil-Qafas Ewropew[17], u hija azzjoni fiż-żewġ Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni riċenti dwar ir-Reviżjoni tal-Edukazzjoni[18]. Ir-rwol tal-intraprendenditorija bħala strument biex itejjeb il-livelli tal-impjegabbiltà huwa enfasizzat ukoll fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013[19]. Għadd ta' Stati Membri rrnexxielhom jintroduċu strateġiji nazzjonali għall-edukazzjoni fl-intraprendenditorija jew għamlu t-tagħlim tal-intraprendenditorija parti obbligatorja tal-kurrikulu, iżda jeħtieġ li jsir iżjed. L-edukazzjoni trid tingħata l-ħajja permezz ta' **mudelli ta' tagħlim prattiċi u esperjenzjali** u permezz tal-esperjenza ta' **imprendituri fid-dinja attwali.** Jinħtieġu riżultati ddefiniti tat-tagħlim tal-intraprendenditorija għall-edukaturi kollha biex jiddaħħlu metodoloġiji effettivi tat-tagħlim intraprendenti fil-klassi.

L-esperjenza prattika tal-intraprendenditorija tista' tinkiseb ukoll barra mill-edukazzjoni. Iż-żgħażagħ għandhom ikunu inkoraġġuti li jiżviluppaw il-ħiliet intraprenditorjali permezz tal-edukazzjoni informali u mhux formali, bħall-volontarjat. Din l-esperjenza għandha tiġi vvalidata u rikonoxxuta, skont ir-rakkomandazzjoni proposta għal dan il-qasam mill-Kummissjoni[20].

Is-sħubiji man-negozji jistgħu jiżguraw li l-kurrikuli tal-edukazzjoni u t-taħriġ ikunu rilevanti għad-dinja attwali. Inizjattivi bħall-VET[21] - Forum kummerċjali u Alleanzi għall-Ħiliet

---

16 C. Jenner, 'Business and Education: Powerful Social Innovation Partners', Stanford Social Innovation Review (Awwissu 27, 2012).

17 Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja.

18 COM (2012) 669 http://ec.europa.eu/education/news/rethinking_en.htm

19 Ara l-p. 11 tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir COM(2012) 750 http://ec.europa.eu/europe2020/pdf/ags2013_mt.pdf

20 COM(2012) 485

21 Edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (VET – vocational education and training).

Settorjali[22] jipprovdu mezz biex jiġu involuti n-negozji. L-istituzzjonijiet edukattivi għandhom jiġu inkoraġġuti li jsiru aktar imprenditorjali fl-approċċ usa tagħhom, biex ikun żgurat li jiżviluppaw u jgħixu kultura ta' intraprendenza u innovazzjoni permezz tal-missjonijiet, tat-tmexxija, tal-involviment tal-partijiet interessati, tal-kurrikuli u tar-riżultati tat-tagħlim tagħhom.

## 2.2. ...u fruntieri ġodda: l-edukazzjoni għolja għall-intraprendenditorija

Ir-rwol tal-edukazzjoni għolja fl-intraprendenditorija huwa ħafna aktar mis-sempliċi twassil tal-għarfien, huwa l-parteċipazzjoni fl-ekosistemi, fis-sħubiji u fl-alleanzi industrijali. Minħabba li l-intrapriżi b'teknoloġija avvanzata u bi tkabbir kbir qegħdin dejjem iżjed jinsabu fiċ-ċentru ta' politiki pubbliċi marbuta mal-intraprendenditorija, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja huma komponent attiv tal-politiki ta' innovazzjoni tal-Istati Membri u tal-UE.

L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) fetaħ it-triq għar-rwol tal-intraprendenditorija bħala abilitanta ewlenija tal-innovazzjoni f'livell tal-UE u qed jgħin biex jgħaqqad aħjar l-edukazzjoni mal-innovazzjoni għall-industrija. Għadd ta' negozji ġodda diġà nħalqu permezz tal-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) tal-EIT. Il-programmi tal-EIT jiżguraw li l-istudenti jkunu esposti għal edukazzjoni ta' xjenza mal-intraprendenditorija spinta mill-eċċellenza, għal servizzi ta' ħolqien ta' negozji u għal skemi ta' mobbiltà. Is-sħubiji jistgħu jipprovdu pjattaforma b'saħħitha biex jiġu indirizzati l-ħiliet ta' intraprendenditorija ta' diversi setturi billi jagħtu involviment dirett fil-provvista, fl-applikazzjoni u fl-aġġornament tal-ħiliet.

L-universitajiet iridu jsiru aktar intraprenditorjali[23]. Fuq dan l-isfond, il-Kummissjoni Ewropea, b'kollaborazzjoni mal-OECD diġà żviluppat qafas għall-universitajiet intraprenditorjali. Il-qasam huwa maħsub biex jgħin lil dawk l-universitajiet li jkunu interessati biex jivvalutaw ruħhom u jtejbu l-kapaċità tagħhom b'moduli ta' tagħlim mfassla każ b'każ. L-aċċess għall-qafas se jitwessa' bil-mod il-mod.

*Il-Kummissjoni se:*

- *Tiżviluppa inizjattiva ta' tagħlim intraprenditorjali pan-Ewropea li tgħaqqad flimkien il-kompetenzi eżistenti Ewropej u nazzjonali tal-valutazzjoni tal-impatt, tal-iskambju tal-għarfien, tal-iżvilupp ta' metodoloġiji u ta' ggwidar tal-pari fost prattikanti professjonisti mill-Istati Membri.*
- *Tirrinforza l-kooperazzjoni mal-Istati Membri biex tivvaluta l-introduzzjoni tal-edukazzjoni intraprenditorjali f'kull pajjiż ibbażata fuq l-esperjenza attwali u biex issostni l-amministrazzjonijiet pubbliċi li jkunu jridu jitgħallmu mill-pari tagħhom li rnexxew.*
- *Tistabbilixxi, flimkien mal-OECD, qafas ta' gwida li jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' skejjel u istituzzjonijiet VET intraprenditorjali*[24].

22 http://ec.europa.eu/education/news/20120425_en.htm
23 Cf. Gibb A, Haskins G, Robertson I, *Leading the Entrepreneurial University*, University of Oxford, 2009.
24 Ara t-taqsima 2.1 tal-*Komunikazzjoni dwar ir-Reviżjoni tal-Edukazzjoni* COM(2012) 669.

- *Tippromwovi r-rikonoxximent u l-validazzjoni tat-tagħlim intraprenditorjali f'ambjenti ta' tagħlim informali jew mhux formali*[25].

- *Twassal il-qafas tal-gwida għall-universitajiet intraprenditorjali lejn il-bidu tal-2013; tiffaċilita l-iskambji bejn universitajiet li jkunu interessati li japplikaw il-qafas; tippromwovih bil-mod il-mod mal-Istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Għolja fl-UE;*

- *Tapprova mekkaniżmi li jirnexxu mmexxija minn universitajiet, għall-ħolqien tan-negozji (spin-offs eċċ) u ekosistemi università-negozju emerġenti mibnijin madwar l-isfidi ewlenin soċjali.*

*L-Istati Membri huma mistiedna li:*

- *Jiżguraw li l-kompetenza ewlenija "intraprendenditorija" tkun imdaħħla fil-kurrikuli kollha tal-edukazzjoni primarja, sekondarja, vokazzjonali, għolja u tal-adulti qabel tmiem l-2015.*

- *Joffru l-opportunità liż-żgħażagħ li jkollhom mill-inqas esperjenza waħda prattika ta' intraprendenditorija*[26] *qabel ma jlestu l-edukazzjoni obbligatorja, pereżempju li jmexxu kumpanija żgħira, jew ikunu responsabbli minn proġett intraprenditorjali għal xi kumpanija, jew proġett soċjali*

- *Jagħtu spinta **lit-taħriġ intraprenditorjali għaż-żgħażagħ u għall-adulti fl-edukazzjoni permezz ta' riżorsi ta' Fondi Strutturali konformi mal-pjan nazzjonali tal-impjiegi,** jiġifieri l-Fond Soċjali Ewropew (ESF) konformi mal-Pjanijiet Nazzjonali tal-Impjiegi, b'mod speċjali bħala għodda biex tagħti opportunità oħra ta' edukazzjoni lil dawk li mhumiex fl-edukazzjoni, fl-impjieg jew fit-taħriġ. Jieħdu l-vantaġġ kollu tal-possibbiltajiet ta' taħriġ disponibbli skont il-fond għall-iżvilupp rurali – Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).*

- *Jippromwovu l-moduli ta' tagħlim intraprenditorjali għaż-żgħażagħ li jkunu qegħdin jipparteċipaw fi skemi nazzjonali ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ*[27].

## 3. Il-Pilastru ta' Azzjoni 2 – Noħolqu Ambjent fejn l-Imprendituri jkunu jistgħu Jiffjorixxu u Jikbru

In-negozji l-ġodda għandhom bżonn ta' attenzjoni speċifika. Jeżistu **sitt oqsma ewlenin** fejn tinħtieġ l-azzjoni biex jitneħħa t-tfixkil eżistenzi għall-ħolqien u t-tkabbir tagħhom:

- L-aċċess għall-finanzi

- L-appoġġ għall-imprendituri fil-fażijiet kruċjali fiċ-ċiklu tal-ħajja tan-negozju u tat-tkabbir

- Opportunitajiet ġodda ta' negozju fl-era diġitali

[25] COM(2012) 485 finali, 05.09.2012
[26] Ara t-taqsima 2.1 tal-*Komunikazzjoni dwar ir-Reviżjoni tal-Edukazzjoni* COM(2012) 669.
[27] Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ, COM(2012)729

- Trasferiment ta' negozju
- Proċeduri ta' falliment u opportunitajiet alternattivi għall-imprendituri ġenwini
- Tnaqqis tal-piż regolatorju.

### 3.1. Aċċess aħjar għall-finanzi

Mingħajr finanzjament xieraq u mingħajr flus kontanti ebda negozju ma jista' jopera, jinvesti u jikber – tabilħaqq l-aċċess għall-finanzi huwa wieħed mill-istrumenti ewlenin għat-tkabbir għall-SMEs[28]. Skont konsultazzjoni pubblika mnedija mill-Kummissjoni f'Lulju 2012, l-aċċess għall-finanzji jikkostitwixxi waħda mill-limitazzjonijiet sinifikanti għat-tkabbir u l-intraprenditorija fl-Ewropa. L-SMEs dejjem iddependew fuq is-self mill-banek u għaldaqstant il-limitazzjonijiet ta' kreditu bankarju attwali li ġejjin mill-kriżi għandhom impatt sproporzjonat fuq l-SMEs. Barra minn dan, l-imprendituri b'mod partikolari jsibuha diffiċli biex isibu finanzjament fl-istadji bikrija tan-negozju tagħhom. F'Diċembru 2011 il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat Pjan ta' Azzjoni biex ittejjeb l-aċċess għall-SMEs[29] u proposti dwar fondi ta' kapitali ta' riskju u fondi ta' intraprenditorija soċjali[30]. Ingħatat attenzjoni partikolari wkoll lill-SMEs fid-Direttiva dwar l-Istrumenti Finanzjarji[31] u fin-negozjati finali dwar id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital[32]. Iżda, jeħtieġ li jsir aktar minn hekk kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali biex jiġu megħluba n-nuqqasijiet tas-suq, inkluż it-tkixxif dwar alternattivi għal self mill-banek għall-SMEs, biex jkun ikkomplementat il-finanzjament privat limitat disponibbli u biex l-informazzjoni dwar il-finanzjament tkun iktar faċilment disponibbli.

**Huwa importanti wkoll li jiżdiedu l-kwalità u r-redditi finanzjarji tal-proġetti tal-istart-ups. L-appoġġ finanzjarju għall-ittestjar, id-dimostrazzjoni u l-iggwidar tat-teknoloġiji ġodda, it-tisħiħ tal-kapital ta' riskju**, l-investiment minn individwi privati, l-inkubaturi u **s-self għal SMEs b'potenzjal kbir** huma wħud mill-oqsma fejn l-azzjoni hi possibbli. L-imprendituri jeħtieġu l-**fondi biex jikkummerċjalizzaw ir-riċerka u l-iżvilupp u biex jittestjaw mudelli ta' negozju innovattivi**. L-appoġġ f'dawn l-oqsma huwa propost mill-Kummissjoni fil-**Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u tal-SMEs (COSME)**[33] tagħha kif ukoll fil-**Programm Horizon 2020**, u huma rinfurzati fil-Fondi Strutturali Ewropej[34].

---

28 COM(2011)206 finali, "Att tas-Suq Uniku. Tnax il-lieva għat-tkabbir u t-tisħiħ tal-fiduċja. Naħdmu flimkien biex noħolqu tkabbir ġdid"

29 COM(2011) 870 Finali, Pjan ta' Azzjoni għat-titjib ta' aċċess għall-finanzi għall-SMEs

30 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fondi Kapitali Ewropej ta' Riskju, COM(2011)860 finali; Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fondi għall-Imprenditorija Soċjali Ewropea, COM(2011)862 finali.

31 Id-Direttiva 2004/39/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/EEC u 93/6/EEC u d-Direttiva 2000/12/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tabroga d-Direttiva tal-Kunsill 93/22/EEC.

32 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva 2002/87/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sorveljanza supplementari tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi ta' assikurazzjoni u ditti ta' investiment f'konglomerat finanzjarju.

33 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (2014 - 2020), COM(2011) 834 finali

34 Skont il-proposta tal-Kummissjoni għall-Fondi Strutturali tal-ġejjieni, irid ikun hemm strateġiji komprensivi fis-seħħ għal appoġġ inklużiv b'mod li l-istart-ups ikunu jistgħu jibbenfikaw minn investimenti mill-FSE u mill-FEŻR fl-intraprenditorija. (**COM/2012/0496 finali - 2011/0276 (COD)**

L-atturi tal-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali huma katalisti importanti għall-ħolqien tax-xogħol inklużiv u tal-innovazzjoni soċjali. Filwaqt li dawn jiffaċċjaw problemi simili għal ta' ħafna mill-SMEs, jistgħu jiltaqgħu wkoll ma' diffikultajiet addizzjonali biex ikollhom aċċess għall-finanzjament, diffikulatjiet li l-Kummissjoni indirizzathom fil-**Programm għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni (PSCI) tal-ġejjieni kif ukoll fir-regolamenti dwar il-Fondi Strutturali**[35].

Komponent importanti ta' ekosistema intraprenditorjali li tirnexxi jikkonsisti minn firxa ta' investituri fi stadju bikri (kapitali ta' riskju u investituri privati) li jipprovdu investimenti ta' ekwità seminali u tal-ewwel turn. Dawn l-investituri jużaw netwerk estensiv tal-pari u jipprovdu għarfien siewi kif ukoll sostenn dwar is-suq u l-iżvilupp tal-"flejjes intelliġenti" ta' riskju. Dawn l-investimenti jistgħu wkoll jkunu xprunati permezz ta' inċentivi fiskali.

Fl-2008, il-Kummissjoni ħolqot l-**Enterprise Europe Network**, sħubija b'aktar minn 600 organizzazzjoni ospitanti, b'wieħed mill-kompiti tagħha jkun li tipprovdi lin-negozji u lil dawk li jixtiequ jkunu imprendituri bl-informazzjoni meħtieġa dwar l-aċċess għall-finanzjament mill-UE u għall-finanzi tal-UE. Sal-lum, it-talba biex tingħata informazzjoni aħjar dwar l-appoġġ mill-UE għadha waħda mill-akbar talbiet imressqa min-negozji. Il-Kummissjoni qed taħdem, flimkien mal-partijiet interessati, biex **in-Netwerk jissaħħaħ** hekk li jsir aktar attiv u effettiv.

*Il-Kummissjoni se:*

- *Tiffinanzja programmi mmirati lejn l-iżvilupp ta' suq għall-mikrofinanzjament fl-Ewropa, permezz ta' inizjattivi bħalma huma l-Progress Microfinance u l-inizjattiva Joint Action to Support Microfinance Institutions (JASMINE) u tagħmel disponibbli riżorsi għall-mikroffinanzjar għall-Istati Membri u r-reġjuni permezz tal-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.*

- *Tiffaċilita l-aċċess dirett tal-SMEs għas-suq kapitali permezz tal-iżvilupp ta' sistema tal-UE għal kuntesti speċjalizzati fil-bejgħ u x-xiri ta' ishma u bonds maħruġa minn SMEs ("swieq għat-tkabbir tal-SMEs"), fil-kuntest tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Suq fl-Istrumenti Finanzjarji (MiFID)*

*L-Istati Membri huma mistiedna li:*

- *Jivvalutaw il-ħtieġa li tiġi mmodifikata l-leġiżlazzjoni finanzjarja nazzjonali attwali bil-għan li jkunu ffaċilitati forom ġodda u alternattivi ta' finanzjament għal negozji ġodda u SMEs b'mod ġenerali, b'mod partikolari fir-rigward ta' pjattaformi għal finanzjament parteċipattiv, kif ukoll jikkunsidraw il-ħtieġa li tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni tat-taxxa biex ikompli jiġi stimulat l-iżvilupp ta' swieq finanzjarji alternattivi bħal pereżempju investituri privati fin-negozju.*

- *Jużaw ir-riżorsi mill-fondi strutturali biex jistabbilixxu skemi ta' sostenn għall-mikrofinanzi skont il-prijoritajiet rispettivi ta' investiment tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR).*

- *Jużaw il-potenzjal kollu disponibbli permezz tal-FAEŻR biex jiżguraw aċċess għall-finanzjament tal-intraprenditorija, b'mod partikolari fl-istadju bikri tan-negozju fl-*

[35] Ara l-proposta leġiżlattiva: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:52011PC0609:MT:NOT

*agrikultura (bħala ma l-istabbiliment tal-bdiewa żgħażagħ) u fiż-żoni rurali inġenerali, anki permezz ta' strumenti finanzjarji.*

### 3.2. Sostenn lill-intrapriżi ġodda fil-fażijiet kruċjali taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom u għajnuna biex jikbru

**Madwar 50 % tan-negozji l-ġodda jfallu fl-ewwel ħames snin tagħhom.** Jekk irridu li l-imprendituri Ewropej jiġġeneraw it-tkabbir li qed nistennew minnhom, irridu niddedikaw aktar riżorsi biex jgħinuhom jegħlbu dan il-perjodu. **In-negozji ta' spiss ikun jonqoshom ekosistema adegwata li tippermettilhom jikbru.**

Assistenza vitali tista' tingħata minn servizzi ta' appoġġ li jkunu jafu s-swieq tagħhom u b'hekk iżidu b'mod sinifikanti r-rata ta'suċċess tal-intrapriżi ġodda. Appoġġ effettiv ikun jikkonsisti minn programmi olistiċi li jintegraw l-elementi essenzjali bħalma hu t-taħriġ fil-management, l-ikkowċjar fir-riċerka u l-iżvilupp, u n-netwerkjar mal-fornituri u l-klijenti potenzjali. L-imprendituri qegħdin jiġu dejjem iktar bżonn ta' pariri u ta' sostenn biex jittrattaw il-limitazzjonijiet f'dawk li huma riżorsi u nuqqas ta' sikurezza ta' provvista f'dawk li huma investimenti strateġiċi u żviluppi fil-prodotti. Bosta intrapriżi iżgħar fid-daqs ukoll huma dejjem taħt iktar pressjoni mill-kumpaniji li jfornulhom il-prodotti biex jilħqu standards ġodda u jissodisfaw rekwiżiti ġodda fejn jidħol id-diżinn li huma marbuta ma' effiċjenza aħjar u mar-riċiklabbiltà tar-riżorsi.

Tnaqqis fl-ispejjeż marbuta mal-konformità mat-taxxa jtejjeb l-ambjent tan-negozju, b'mod partikolari għall-kumpaniji ż-żgħar. Minħabba l-esperjenza u r-riżorsi limitati tagħhom, in-negozji ż-żgħar u dawk ġodda jsofru aktar minn korporazzjonijiet kbar fejn jidħlu l-ispejjeż għolja marbuta mal-konformità li jirriżultaw minn leġiżlazzjoni kumplessa dwar it-taxxa u minn proċeduri kkumplikati ta' rappurtar. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jissimplifikaw il-proċeduri tar-reġistrazzjoni tal-VAT u joħolqu punt uniku għar-reġistrazzjoni elettronika biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ diġitali transkonfini min-negozji żgħar.

Mix-xjenza u mir-riċerka jaslu bosta ideat ġodda għal negozji li jirnexxu, iżda hemm aktar x'jista' jsir biex in-negozji jibdew jużaw ir-riżultati tar-riċerka. Għaldaqstant, man-negozji trid tibda tinqasam iktar informazzjoni dwar l-indikazzjonijiet li joħorġu minn proġetti ffinanzjati mill-Programmi ta' Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp.

In-negozji l-ġodda spiss jisfaw vittmi ta' **prattiki kummerċjali qarrieqa**. Dawn ivarjaw minn għoti ta' informazzjoni falza jew qarrieqa dwar is-servizz, sat-tressiq ta' offerti mogħtija l-libsa ta' fattura jew ta' formoli qarrieqa li jitolbu lil dak li jkun jaġġorna l-entrata tiegħu fid-direttorji tan-negozju. Il-Kummissjoni ippubblikat strateġija[36] b'lista dettaljata ta' azzjonijiet għall-ġejjieni sabiex tiżdied il-protezzjoni tan-negozji, u għandha l-ħsieb li tippreżenta proposta leġiżlattiva matul l-2013.

**It-tneħħija tal-ostakli fis-Suq Uniku b'mod li jinħoloq ambjent ekwu għandu jgħin lin-negozji ż-żgħar jiżviluppaw attivitajiet transkonfini.** Dan jinkludi li tiġi indirizzata t-tassazzjoni doppja u jiġu eliminati d-diskrepanzi fit-taxxi, kif ukoll miżuri oħra marbuta mat-taxxa li jikkostitwixxu ostakli transkonfini fis-suq uniku u għall-investiment barrani fl-UE.

[36] COM(2012)702 "Il-protezzjoni ta' negozji kontra prattiki qarrieqa ta' kummerċjalizzazzjoni u biex jiġi garantit infurzar effettiv; Analiżi tad-Direttiva 2006/114/KE dwar reklamar qarrieqi u komparattiv".

Barra minn hekk, f'ħafna mill-pajjiżi tal-UE, l-oqfsa legali għas-sigurtà soċjali ta' dawk li jaħdmu għal rashom huma sostanzjalment differenti minn ta' dawk li huma impjegati, u dan joħloq ostakli addizzjonali għall-imprendituri. L-appoġġ lin-negozji ġodda huwa partikolarment importanti fil-mogħdija minn stat ta' qgħad għal wieħed fejn tarma għal rasek. L-arranġamenti biex ikun aktar faċli għan-nies li jiddependu fuq il-benefiċċji soċjali (bħal benefiċċji tal-qgħad) biex jiftħu negozju għal rashom u jsiru ekonomikament indipendenti (pontijiet tal-welfer) jistgħu jkunu ta'għajnuna. Għaldaqstant, l-Istati Membri jistgħu jesploraw il-possibbiltà li min jaħdem għal rasu jirċievi benefiċċji (eż. tas-saħħa, tal-irtirar, tad-diżabbiltà, tal-qgħad, fil-każ li n-negozju jingħalaq/ifalli, eċċ.) li jkunu komparabbli mal-benefiċċji għall-ħaddiema impjegati mingħajr ma jitnaqqas xejn lil dawn.

Biex jirnexxu, l-imprendituri u **l-SMEs jeħtieġu għarfien espert speċifiku, wieħed iffukat għalihom,** li jkun jista' jgħinhom jiżviluppaw vantaġġi kompetittivi kif ukoll jibbenefikaw minn katini ta' valur globali u minn immaniġġjar kondiviż ta' riżorsi umani. Raggruppamenti, networks tan-negozju u tipi oħra ta' assoċjazzjoni ta' intrapriżi jistgħu jipprovdu ambjenti ta' sostenn bħal dawn peress li jġibu flimkien l-atturi rilevanti mill-komunità tan-negozju, l-edukazzjoni, ir-riċerka u s-settur pubbliku[37]. Fost l-SMEs, xi kumpaniji, bħalma huma l-intrapriżi soċjali, ħafna drabi jkollhom mudelli ta' negozju speċifiċi li jkunu jirrikjedu skemi ta' sostenn apposta għalihom. Ir-raggruppar tal-SMEs jista' jwassal għal żieda fil-kompetittività.[38] Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw jekk ir-reġimi fiskali tagħhom jistgħux jittejbu b'mod li jippermetti aktar gruppi tal-SMEs ta' dan it-tip.

Barra minn dan, l-imprendituri jistgħu jibbenefikaw bil-kbir mis-Suq Uniku. Madankollu, fil-preżent, it-tħaddim tajjeb tas-Suq Uniku għadu mxekkel minn xi ostakli. Fit-3 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet l-**Att dwar is-Suq Uniku II**[39] biex jitnaqqsu l-ostakli attwali. L-**implimentazzjoni effettiva** ta' dawn il-miżuri tista' tippromwovi l-intraprenditorija fl-Ewropa f'oqsma bħalma hu dak tas-servizzi transkonfini, ir-rikonoxximent ta' diplomi u kwalifiki, u d-dritt ta' stabbiliment.

Barra minn dan, għandhom jiġu inkoraġġuti **l-iskambji ma' imprendituri b'għarfien tajjeb fi ħdan l-UE**, fosthom permezz tal-iskema tal-Kummissjoni Erasmus għall-Imprendituri Żgħażagħ (Erasmus for Young Entrepreneurs, EYE).

*Il-Kummissjoni sejra:*

- *Tidentifika u tippromwovi l-aqwa prassi mħaddma mill-Istati Membri bil-għan li joħolqu ambjent fiskali li jkun aktar aċċessibbli għall-imprendituri.*
- *Tappoġġja l-kooperazzjoni bejn ir-raggruppamenti u netwerks tan-negozji;*
- *Tappoġġja n-netwerking u l-iskambji tal-aqwa prassi bejn l-aġenziji li jmexxu l-iskemi dwar l-effiċjenza tar-riżorsi fl-SMEs;*
- *Issaħħaħ is-sħubija tan-Netwerk Ewropew għall-Intrapriżi ma' organizzazzjonijiet ospitanti, mal-Punti Uniċi ta' Kuntatt u mal-organizzazzjonijiet kollha li jappoġġaw*

[37] The Concept Of Clusters And Cluster Policies And Their Role For Competitiveness And Innovation: Main Statistical Results And Lessons Learned, *Commission Staff Working Document* SEC (2008) 2637

[38] European Cluster Policy Group Final Recommendations, il-ħames rakkomandazzjoni, f'http://www.proinno-europe.eu/sites/default/files/newsroom/2010/09/ECPG_Final_Report_web-low1.pdf, segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-European Cluster Alliance.

[39] COM (2012) 573 finali, "Att dwar is-Suq Uniku II – Flimkien għal tkabbir ġdid"

*lill-SMEs biex (i) jinfirex waħda u sew it-tagħrif dwar l-inizjattivi tal-UE, dwar is-sorsi tal-finanzi, u dwar l-appoġġ għall-innovazzjoni, (ii) l-Istati Membri jiġu inkoraġġuti jsaħħu l-miżuri sabiex tiżdied id-disponibbiltà tal-imprendituri u tal-SMEs li jinvestu u (iii) tingħata assistenza effettiva biex tgħin lin-negozji jibbenefikaw bis-sħiħ mis-Suq Uniku u biex jaċċessaw is-swieq f'pajjiżi terzi.*

- *Tirrevedi r-regoli li jipprojbixxu ċerti prattiki kummerċjali qarrieqa*[40] *u tagħmilhom iktar sodi filwaqt li ssaħħaħ l-infurzar kontra tali prattiki f'każijiet transkonfini.*

- *Tiftaħ il-bibien beraħ għall-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku Diġitali għall-SMEs billi tindirizza l-ostakli eżistenti tan-negozju onlajn transkonfini*[41]*.*

- *Tkompli tiżviluppa l-programm Erasmus għall-Imprendituri Żgħażagħ biex tissodisfa ż-żieda fid-domanda għal parteċipazzjoni minn imprendituri ġodda fis-Suq Uniku*[42]

- *Tinkoraġġixxi l-iskambji ta' imprendituri żgħażagħ bejn l-UE u pajjiżi terzi*

- *Tgħin lill-Istati Membri jiżviluppaw skemi ta' appoġġ integrat permezz ta' seminars dwar il-bini tal-kapaċità ffinanzjati mill-assistenza teknika tal-FSE, b'mod li jkunu involuti l-partijiet interessati, inklużi dawk li jipprovdu l-edukazzjoni u t-taħriġ biex jiżviluppaw strateġiji integrati u billi jiġu stabbiliti azzjonijiet speċifiċi, l-aktar għall-imprendituri żgħażagħ.*

- *Tkompli tiżviluppa l-portal L-Ewropa Tiegħek - In-Negozju, b'informazzjoni dwar is-Suq Uniku kemm mill-Kummissjoni u kemm mill-Istati Membri.*

*L-Istati Membri huma mistiedna li:*

- *Jagħmlu l-ambjent tal-amministrazzjoni fiskali nazzjonali aktar favorevoli għall-istadju bikri tan-negozji. Inaqqsu l-ispejjeż tal-konformità mat-taxxa billi jissimplifikaw id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa u l-ħlas tagħha, billi jestendu l-użu ta' mezzi elettroniċi, inkluż it-tħaffif tal-implimentazzjoni sħiħa tas-Suq Uniku Diġitali.*

- *Jippromwovu l-koordinazzjoni tat-taxxa biex jiżguraw li l-inkonsistenzi fit-trattament tat-taxxa ma jwasslux għal tassazzjoni doppja jew għal prattiki oħra, marbuta mat-taxxa, li jkunu ta' ħsara u li jfixklu s-Suq Uniku billi jxekklu n-negozji transkonfini u l-investimenti transkonfini f'kapital tar-riskju.*

- *Jevalwaw mill-ġdid ir-reġimi tat-taxxa fuq id-dħul tal-kumpaniji b'mod li jikkunsidraw li jestendu l-istatut tal-limitazzjoni tat-telf u tat-tnaqqis fit-Taxxa fuq id-Dħul tal-Kumpaniji.*

---

[40] Id-Direttiva 2006/114/KE dwar reklamar qarrieqi u komparattiv.

[41] Fosthom, pereżempju, "punt ta' servizz uniku" mini għal reġistrazzjoni tal-VAT, id-dikjarazzjoni u ħlas bħal fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ġejjieni tal-VAT (IP/11/1508)

[42] Fl-2013 id-domanda minn Imprendituri Ġodda se taqbeż il-baġit disponibbli: mill-aħħar ta' Diċembru 2012 kien hemm madwar 950 Imprendituri Ġdid eliġibbli għal skambju filwaqt li l-baġit disponibbli seta' jippermetti madwar 930 skambju. Minħabba li l-pool ta' imprendituri ġodda eliġibbli għal skambju qed jikber b'medja ta' 25 imprenditur kull ġimgħa, huwa ovvju li d-domanda se teċċedi l-provvista fl-2013. Sa mill-2012, għadd ta' Organizzazzjonijiet Intermedjarji kienu diġà użaw il-baġit allokat tagħhom u ma setgħux jistabbilixxu aktar skambji.

- *Jikkunsidraw li mill-2013 jimplimentaw l-għażla offruta lin-negozji ż-żgħar ta' skema ta' kontabilità bbażata fuq il-ħlasijiet għall-VAT.*
- *Jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jappoġġjaw il-kummerċjalizzazzjoni tal-innovazzjoni, ir-riċerka u l-proġetti ta' żvilupp filwaqt li jqisu l-isfidi speċjali tal-kumpaniji li jkunu għadhom kif twaqqfu.*
- *Jikkunsidraw l-għażla li s-sidien ta' intrapriżi ġodda jitolbu aġġustamenti possibbli fl-iskedi tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet soċjali għal żmien limitat u abbażi tas-sitwazzjoni speċifika tal-impriża u ta' ġustifikazzjonijiet sodi.*
- *Jieħdu l-vantaġġ kollu possibbli tal-għażliet ta' sostess ġodda li ġew introdotti skont il-Fond Agrikolu għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) biex jinfetħu n-negozji u biex jiġu żviluppati skemi komprensivi għal skambji professjonali ta' imprendituri u għal żjajjar fil-farms, u jsostnu wkoll ir-raggruppamenti, in-netwerks tan-negozji u l-attivitajiet ta' kooperazzjoni fl-agrikoltura, il-forestrija, l-ipproċessar tal-ikel agrikolu u fost in-negozji nonagrikoli rurali.*

### 3.3. Niftħu l-bibien għall-opportunitajiet ġodda ta' negozju fl-era diġitali

Użu aħjar tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) jista' jgħin b'mod sinifikanti biex in-negozji ġodda jirnexxu. L-ICT huwa s-sors ewlieni tat-tkabbir għall-ekonomiji nazzjonali, u l-SMEs Ewropej jikbru bejn darbtejn sa tliet darbiet aktar malajr meta jħaddnu l-ICT. Kif indikat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Politika Industrijali[43], *"l-imprendituri jeħtieġ jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tas-suq uniku diġitali fl-UE li huwa mistenni li jikber b'10 % fis-sena sal-2016."*

Abbażi tal-**Aġenda Diġitali** u l-**Inizjattivi ewlenin ta' politika industrijali**, il-Kummissjoni se tgħin lill-imprendituri u lill-SMEs biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-ICT, kemm f'termini ta' **provvista** ta'prodotti u servizzi diġitali ġodda, u kemm f'termini ta' **domanda** u ta' użu intelliġenti ta' dawn it-teknoloġiji.

Fuq in-naħa tal-provvista, l-imprendituri tal-web jikkostitwixxu kategorija speċifika ta' imprendituri li joħolqu prodotti u servizzi diġitali ġodda li jużaw il-web bħala komponent indispensabbli. Negozji ġodda bbażati fuq il-web għandhom tendenza li jikbru u jfallu aktar malajr minn negozji oħra u l-iżvolti li jieħdu jkunu qawwija u f'salt, li jfisser riżultati ogħla iżda wkoll riskji ogħla. Dawn joperaw f'ekosistema kumplessa u li tevolvi malajr, fejn in-networking u l-esperimentazzjoni huma ferm importanti. Negozji ġodda bbażati fuq il-web jiswew inqas flus biex jitwaqqfu u l-ostakli għad-dħul fis-suq huma baxxi, hekk li huma mezz attraenti biex wieħed jibda karriera intraprenditorjali. L-imprendituri tal-web, għal din ir-raġuni, jeħtieġu miżuri ta' appoġġ speċifiċi għalihom li jsaħħu, strutturalment, l-ekosistema ta' negozju ġdid ibbażat fuq il-web.

Fuq in-naħa tad-domanda, l-investiment f'teknoloġiji diġitali ma għadux kwistjoni ta' għażla: il-kumpaniji llum il-ġurnata jistgħu jkunu kompetittivi biss jekk iħaddnu d-dinja diġitali. Dan joħloq opportunitajiet u sfidi, b'mod partikolari għall-SMEs, billi ħafna drabi dawn ikunu inqas mgħammra biex jittrattaw iż-żieda fis-sofistikazzjoni ta' mudelli ġodda ta' negozju.

[43] Industrija Ewropea Aktar B'saħħitha għat-Tkabbir u l-Irkupru Ekonomiku Aġġornament tal-Komunikazzjoni dwar il-Politika Industrijali, COM(2012)582 tal-10 ta' Ottubru 2012.

L-imprendituri diġitali huma dawk l-imprendituri li jisfruttaw bis-sħiħ prodotti u servizzi diġitali, inkluż il-"cloud computing", biex jagħtu ħajja ġdida lill-mudelli ta' negozju tagħhom u biex ikunu aktar kompetittivi[44]. L-inizjattivi tal-UE "Smart use of information technologies and the integration of SMEs in global industrial value chains" u e-Skills se jippromwovu l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali u jqarrbu l-SMEs lejn id-dinja diġitali.

**Il-potenzjal tal-kummerċ elettroniku bħala parti mill-opportunitajiet imwassla mis-Suq Uniku Diġitali għall-imprendituri għadu mhux qed jiġi sfruttat għalkollox.Numru ta' azzjonijiet speċifiċi iwassal għal qabża pożittiva lejn il-kummerċ onlajn.**[45]

*Il-Kummissjoni se tkun qiegħda:*

- ***Ssaħħaħ il-bażi tal-għarfien*** *dwar ix-xejriet ewlenin tas-suq u l-mudelli ta' negozju innovattiv billi tistabbilixxi Mekkaniżmi ta' Monitoraġġ tas-Suq u Skeda ta' Gradazzjoni (Scoreboard) onlajn, b'koperazzjoni mal-partijiet interessati ewlenin, biex jiffaċilitaw id-djalogu u jwasslu għal aġenda kondiviża għal azzjoni.*

- ***Trawwem kuxjenza permezz*** *ta' kampanja ta' informazzjoni fl-Ewropa kollha għall-imprendituri u l-SMEs dwar il-benefiċċji mill-evoluzzjonijiet diġitali ġodda; il-kampanja se tippromwovi stejjer ta' suċċess mill-Ewropa, kompetizzjonijiet panEwropej u skemi ta' għoti ta' premijiet biex tissensibilizza lill-imprendituri dwar l-evoluzzjoni tal-kuntest tan-negozju u dwar opportunitajiet ġodda ta' negozju.*

- ***Tiffaċilita n-netwerking*** *biex titfa' d-dawl fuq ideat ġodda għan-negozju u ssostnihom, fosthom billi: Toħloq netwerk* ***Ewropew ta' Mentors*** *għal taħriġ, pariri u kowċing prattiku dwar kif għandu jsir in-negozju fl-era diġitali, u avvenimenti intiżi li jlaqqgħu l-partijiet interessati biex jesploraw sħubijiet ġodda.*

- ***Tniedi azzjonijiet speċifiċi għall-imprendituri tal-web bħal:*** *i) Start-up Europe Partnership li jkebbes l-għarfien espert, il-mentoring, it-teknoloġija u s-servizzi, u, ii) Web Entrepreneurs Leaders Club biex iġib flimkien imprendituri tal-web ta' klassi dinjija u jsaħħaħ il-kultura intraprenditorjali fuq il-web fl-Ewropa; iii) Netwerk Ewropew ta' aċċeleraturi ta' negozji fuq il-web; iv) taħdem mal-investituri Ewropej sabiex jiżdied il-fluss tal-kapital ta' riskju u tal-crowd funding f'negozji ġodda bbażati fuq il-web; u v) Issaħħaħ it-talent fuq il-web billi tistimula l-ħolqien ta' Bosta Korsijiet Miftuħa Onlajn*[46] *u t-twaqqif ta' pjattaformi għal-mentoring u t-trawwim tal-ħiliet.*

- ***Issaħħaħ il-kompetenzi u l-ħiliet*** *billi tintensifika l-azzjonijiet tagħha tal-E-skills biex tara titjib fil-ħiliet tal-e-leadership id-dixxiplini xjentifiċi u kreattivi, u l-ħiliet maniġerjali u intraprenditorjali biex tindirizza s-swieq teknoloġiċi ġodda.*

*L-**Istati Membri** huma mistiedna:*

---

44 COM(2012)529 "L-Isfruttar tal-Potenzjal tal-Cloud Computing fl-Ewropa".

45 COM(2011)942 tal-11 ta'Jannar 2012. Qafas koerenti għall-bini ta' fiduċja fis-Suq Uniku Diġitali tal-kummerċ elettroniku u tas-servizzi online.

46 Ara, pereżempju, http://www.radicalsocialentreps.org/, http://www.youtube.com/watch?v=iE7YRHxwoDs u http://www.academicmatters.ca/2012/05/the-massive-open-online-professor/

- *Isaħħu l-appoġġ nazzjonali jew reġjonali għal negozji ġodda bbażati fuq il-web u dawk diġitali u jiżviluppaw finanzjament alternattiv fl-istadji bikrija ta' start-ups fil-qasam tat-teknoloġija, bħalma huma l-iskemi f'vouchers għall-innovazzjoni f l-ICT.*
- *Jippromwovu l-aċċess għall-imprendituri għall-Open Data u għall-Big Data miġbura pubblikament jew għal programmi appoġġjati mill-industrija bħal pereżempju s-sett tad-dejta kulturali Europeana.*[47]
- *Isostnu lill-imprendituri tal-akbar talent, eż. billi l-aqwa gradwati jiġu inkoraġġuti jibdew il-karriera tagħhom bil-ftuħ ta' negozju ġdid.*
- *Isostnu l-adozzjoni, fil-pront, ta' inizjattivi ta' politika li jkunu għaddejjin fil-mument bħalma hi dik tar-riforma marbuta mal-ħarsien tad-dejta kif ukoll il-proposta għal Liġi Ewropea Komuni dwar il-Bejgħ li jwasslu biex inaqqsu x-xkiel għall-iżvilupp tal-cloud computing fl-UE.*
- *Jiżguraw l-aħjar użu tal-fondi Ewropej għall-intraprenditorija fuq il-web u dik diġitali skont ir-regoli u l-prijoritajiet li jkunu japplikaw*

## 3.4. Trasferimenti kummerċjali aktar faċli

Ta' kull sena jiġu ttrasferiti mal-Ewropa madwar **450 000 negozji li jimpjegaw żewġ miljuni ta' ħaddiema**. Iżda tant jista' jkun diffiċli biex isir it-trasferiment li **huwa smat li kull sena jintilfu madwar 150 000 negozji li jħaddmu 600 000 ruħ**[48]**.** Ir-raġunijiet ewlenin għal dan huma l-piżijiet regolatorji jew tat-taxxi, nuqqas ta' għarfien tal-preparazzjonijiet meħtieġa u ta' swieq trasparenti għal dawn it-transazzjonijiet, u t-tul ta' żmien meħtieġ biex wieħed jikkonforma mal-formalitajiet. Barra minn hekk, il-forma legali ta' kumpanija (propretarji uniċi) kif ukoll l-età tagħha (b'mod speċjali għal dawk il-kumpaniji li jkollhom inqas minn tliet snin) huma elementi addizzjonali ta' vulnerabbiltà. Huwa għalhekk li **l-iżgħar negozji huma l-iżjed vulnerabbli għal trasferimenti li ma jirnexxux.**

Dawn il-kumpaniji huma "negozji attivi" bi prodotti, swieq u klijenti stabbiliti u għaldaqstant għandhom probabbiltà ikbar ta' sopravvivenza minn kumpaniji ġodda. Dawk li qed jitħajru jsiru imprendituri għandhom ikunu jafu li **l-akkwist ta' "negozju attiv" jista' jkun alternattiva attraenti għall-ħolqien ta' kumpanija ġdida. It-trasferimenti għandhom isiru iżjed faċli** kemm għall-imprenditur li jixtieq jgħaddi l-kumpanija tiegħu lil ħaddieħor, kif ukoll għal min jakkwista l-kumpanija.

It-trasferiment ta' kumpanija minn ġenerazzjoni għal oħra huwa l-karatteristika li tiddefinixxi negozju tal-familja u huwa l-akbar sfida li dan jista' jiffaċċja. Trasferiment ta' negozju tal-familja jrid jitqies bħala trasferiment ta' proprjetà, fejn il-proprjetà mhijiex assi likwida iżda ħaġa li nbniet u ġiet żviluppata mill-familja tul il-ġenerazzjonijiet, u tinkludi l-valuri, it-tradizzjonijiet u l-għarfien. L-ambitu u l-iskala ta' approċċi diversi għat-taxxi tas-suċċessjoni u t-taxxi fuq il-beni immobbli madwar l-UE juru li għad fadal ħafna lok għal titjib fil-klima legali dwar it-trasferimenti ta' negozji tal-familja.

47 http://**Europeana.eu** huwa portal kulturali, maħluq bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, li huwa interfaċċa għal miljuni ta' kotba, pitturi, filmati, oġġetti tal-mużew u rekords arkivjali li ġew diġitalizzati madwar l-Ewropa.

48 'Business Dynamics: Start-ups, Business Transfers and Bankruptcy' (2011) http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/business-environment/files/business_dynamics_final_report_en.pdf

Il-qasam tat-trasferimenti tan-negozji ġie indirizzat b'mod speċifiku mill-**Att dwar in-Negozji ż-Żgħar** (SBA)[49] u r-**Reviżjoni tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa tal-2011**[50] u ġie indirizzat b'mod speċifiku fil-**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2006,** "L-implimentazzjoni tal-Programm Komunitarju ta' Liżbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi : Trasferiment tan-negozju – Kontinwità bis-saħħa ta' bidu ġdid[51].

Minkejja li xi pajjiżi Ewropej għamlu progress u ġie żviluppat qafas regolatorju li jagħmilha aktar faċli li jsiru t-trasferimenti, anki f'dawn il-pajjiżi jista' jkun għad fadal għarfien baxx min-naħa tal-komunità intraprenditorjali u tal-partijiet interessati (assoċjazzjonijiet professjonali, ditti legali u konsulenti tal-imprendituri) dwar il-possibilitajiet ta' trasferimenti u dwar il-preparattivi meħtieġa.

Billi l-ostakoli għat-trasferimenti kummerċjali jinsabu l-aktar fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali, ikun żgur siewi li wieħed iqabbel l-approċċi adottati mal-Ewropa bil-ħsieb li jsir skambju tal-aqwa prassi u jittieħdu azzjonijiet, l-aktar f'termini ta' sensibilizzazzjoni dwar it-trasferimenti kummerċjali, faċilitajiet finanzjarji speċjali intiżi biex jiffinanzjaw it-trasferimenti, trasformazzjoni legali (l-iktar il-possibbiltà li jinħolqu kumpaniji pubbliċi b'kapital limitat għall-faċilitazzjoni ta' bejgħ ta' ditta) u swieq trasparenti għat-trasferimenti kummerċjali.[52]

*Il-Kummissjoni se:*

- *Tiżviluppa linji gwida dwar l-aktar programmi effettivi u l-aqwa prassi biex it-trasferimenti tal-impriżi jkunu eħfef, inklużi miżuri għat-twessiegħ u l-espansjoni tas-swieq għall-impriżi, identifikazzjoni tal-programmi disponibbli fl-Ewropa u proposta ta' azzjonijiet meħtieġ biex jitneħħew l-ostakoli possibbli li jifdal għat-trasferimenti tal-impriżi transkonfinali. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni qed torganizza grupp ta' ħidma espert bir-rappreżentanti tal-Istati Membri li fl-2013 se jkollu l-għan li jwettaq rendikont u analiżi tar-raġunijiet għala fadal ostakoli f'dan il-qasam u li jipproponi rakkomandazzjonijiet u miżuri ta' appoġġ li jindirizzaw dawn l-ostakoli.*

*L-Istati Membri huma mistiedna:*

- *Itejbu d-dispożizzjonijiet legali, amministrattivi u fiskali għat-trasferimenti tal-impriżi filwaqt li jikkunsidraw il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2006 dwar it-trasferimenti tal-impriżi u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2011 dwar l-indirizzar tal-ostakoli transkonfinali tat-taxxa tas-suċċessjoni fi ħdan l-UE[53].*
- *Jużaw il-fondi Ewropej attwali skont ir-regoli u l-prijoritajiet applikabbli tagħhom għall-appoġġ tat-trasferimenti ta' SMEs għall-imprendituri li jkollhom ħsieb ikomplu imexxu l-impriża.*
- *Itejbu s-servizzi ta' informazzjoni u notifikazzjoni għat-trasferimenti tal-impriżi kif ukoll itejbu l-ġbir tad-dejta u l-monitoraġġ tat-trasferimenti tal-impriżi.*

[49] COM(2008) 394 finali. - "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa.
[50] COM(2011) 78 finali, Reviżjoni tal-"Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa
[51] COM(2006) 117 finali.
[52] Pereżempju, skont l-istudju tal-'Business Dynamics', terz biss tal-Istati Membri mistħarrġa joffru prodotti finanzjarji speċjali biex jappoġġjaw it-trasferimenti u fi tnax l-Istat Membru ma hemm disponibbli ebda mentoraġġ jew taħriġ, jew hemm ftit wisq, dwar dan is-suġġett.
[53] COM/2011/864 u r-rakkomandazzjoni assoċjata 2011/856/EU dwar it-taxxa doppja tas-suċċessjoni.

- *Ixandru b'mod effettiv il-pjattaformi tat-trasferimenti tal-impriżi u s-swieq u jniedu kampanji biex jiżdied l-għarfien fost il-bejjiegħa u x-xerrejja potenzjali ta' impriżi vijabbli.*
- *Jikkunsidraw li jirrevedu r-regolamentazzjoni fiskali fir-rigward tal-impatti tagħha fuq il-likwidità tal-SMEs immexxija mill-familji f'każ ta' suċċessjoni ta' proprjetà mingħajr ma jkun hemm impatt negattiv fuq id-dħul fiskali.*

### 3.5. Inbiddlu l-falliment f'suċċess: ċans ieħor għal negozjanti li ġenwinament ifallu

Il-falliment fin-negozju, bħall-ħolqien tan-negozju, huwa parti integrali minn suq dinamiku u b'saħħtu. **Il-provi juru li l-maġġoranza (96%) tal-fallimenti huma kkawżati minn sensiela ta' pagamenti b'lura jew problemi oġġettivi oħra** – fi kliem ieħor dawn huma "fallimenti ġenwini", li ma jiġrux minħabba li l-imprenditur jagħmel frodi[54]. B'danakollu, l-imprendituri jiġu ttrattati minn bosta liġijiet dwar il-falliment daqs li kieku kienu huma frodulenti, u jkollhom jgħaddu minn proċeduri komplessi qabel ma jinħelsu. F'xi Stati Membri l-proċedura tant tieħu żmien li l-imprendituri ma jikkunsidrawx li jibdew impriża oħra[55]. F'ċerti każi dawn jistgħu jiġu preskritti legalment milli jibdew impriża ġdida għal għomorhom jew kważi għal għomorhom.

Anki wara li jinħelsu, dawk li jkunu fallew jiġu stimmatizzati u jiffaċċjaw id-diffikultajiet biex isibu l-finanzi għal impriża ġdida. Għalhekk, bosta imprendituri potenzjali sempliċiment jaqtgħu qalbhom u ma jikkunsidrawx li jerġgħu jippruvaw.

Iżda r-riċerka turi li **n-negozji li jibdew mill-ġdid ("second starters") jirnexxu iżjed u jibqgħu iżjed fit-tul mill-medja tan-negozji l-ġodda**; **dawn jikbru iżjed malajr u jimpjegaw aktar ħaddiema**[56]. Għaldaqstant, **falliment** imprenditorjali **ma għandux ikun "sentenza tal-mewt"** li jipprojbixxi kull attività imprenditorjali fil-ġejjieni, **iżda għandu jintgħaraf bħala opportunità biex wieħed jitgħallem u jittejjeb** – perspettiva li llum il-ġurnata diġà naċċettawha bħala l-bażi tal-progress fir-riċerka xjentifika. B'konsegwenza ta' dan, kull sforz biex ninkoraġġixxu ġenerazzjoni ġdida ta' imprendituri jrid jinkludi s-serħan il-moħħ li, jekk l-ewwel idea tagħhom ma tirnexxix, mhux se jkunu preskritti għal dejjem milli jerġgħu jippruvaw jirnexxu darba oħra. Għaldaqstant, il-liġijiet dwar il-falliment iridu jipprevedu modi ħfief biex wieħed jippreżenta u jirkupra t-talbiet għall-impriżi kredituri, filwaqt li għandhom jiġu stabbiliti proċeduri aktar ħfief u aktar affordabbli għall-għeluq ta' negozju u għall-ħelsien mill-falliment.

F'Diċembru li għadda l-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar approċċ ġdid Ewropew lejn il-falliment u l-insolvenza[57] biex dan joħloq ambjent aktar faċli għall-kummerċ, pereżempju billi jsiru aktar effiċjenti l-liġijiet nazzjonali dwar l-insolvenza, inklużi t-tul taż-żmien u l-kosti tal-perjodu ta' ħelsien mill-falliment. Bħala l-ewwel pass li jrid isir, il-Kummissjoni adottat ukoll fl-istess ħin proposta għall-modernizzazzjoni tar-Regolament dwar il-proċeduri tal-insolvenza[58] li se jiżgura ir-rikonoxximent transkonfinali tas-salvataġġ ta' impriżi u jinkludi wkoll il-faċilitazzjoni tal-preżentazzjoni ta' talbiet fi Stat Membru ieħor.

---

54 http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2007:0584:FIN:mt:PDF

55 F'xi Stati Membri l-proċedura ta' likwidazzjoni ta' negozju ddum bejn sena u sentejn. Imbagħad jinħtieġu bejn tlieta u disa' snin oħra biex wieħed jerġa' jibda negozju.

56 E. Stam, D. B. Audretsch and J. Meijaard, "Renascent Entrepreneurship", Erasmus Research Institute of Management, 2006.

57 COM(2012) 742 "Approċċ Ewropew ġdid għall-falliment u l-insolvenza".

58 COM(2012) 744

*Il-Kummissjoni se:*

- *Tniedi konsultazzjoni pubblika biex tirċievi l-fehmiet tal-partijiet interessati dwar il-kwistjonijiet identifikati fil-Komunikazzjoni dwar approċċ Ewropew ġdid lejn il-falliment u l-insolvenza tan-negozji, din tkun tinkludi l-fehmiet dwar l-għotja ta' ċans ieħor lill-imprendituri ġenwini li jfallu u dwar it-taqsir u l-allinjament taż-"żmien għall-ħelsien".*

*L-Istati Membri huma mistiedna li:*

- *Inaqqsu fejn possibbli ż-żmien għall-ħelsien tal-falliment u tal-ħlas tad-dejn għal imprenditur ġenwin wara li dan ikun falla għal massmu ta' tliet snin sal-2013.*[59]
- *Joffru s-servizzi ta' sostenn lill-impriżi għal ristrutturar bikri, il-pariri biex jipprevjenu l-fallimenti u s-sostenn għall-SMEs biex jirristrutturaw u jibdew mill-ġdid.*
- *Jipprovdu s-servizzi ta' konsulenza lill-imprendituri li jkunu fallew għall-amministrazzjoni tad-dejn u biex jiffaċilitaw l-inklużjoni ekonomika u soċjali u jiżviluppaw il-programmi għal min jibda mill-ġdid ("second starters") ta' mentoraġġ, taħriġ u netwerking kummerċjali.*

### 3.6. Piż regolatorju: regoli aktar ċari u sempliċi

L-imprendituri għandhom ikunu "l-klijent normali" li fuqhom l-amministrazzjonijiet jagħmlu l-punt ta' riferiment tar-rekwiżiti proċedurali u b'danakollu, kważi tliet kwarti tal-Ewropej iqisuha diffiċli wisq biex jibdew negozju minħabba l-kumplessitajiet amministrattivi[60]. Bosta oħrajn gergru dwar il-piżijiet regolatorji tqal li jiġu imposti fuq it-tmexxija ta' negozju. Minħabba li taf b'dan kollu, fl-2007 il-Kummissjoni kkommettiet ruħha għal Programm ta' Azzjoni biex tinqata' l-burokrazija kkawżata mil-leġiżlazzjoni tal-UE b'25% qabel tmiem l-2012[61]. F'Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport tagħha dwar il-minimizzazzjoni tal-piż regolatorju għall-SMEs – u addattat ir-regolamenti tal-UE għall-ħtiġiet tal-mikrointrapriżi[62], u dan wessa' l-fokus għal firxa ħafna aktar wiesgħa tal-piżijiet regolatorji kollha lil hinn mill-piż amministrattiv li jirrappurtaw lill-awtoritajiet, u introduċiet il-prinċipju tal-obbligu tal-provi bil-kontra għal kull piż regolatorju ġdid. Dan impenja wkoll lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-konsultazzjoni man-negozji ż-żgħar u tadotta tabella ta' valutazzjoni annwali dwar il-progress lejn l-implimentazzjoni fl-Istati Membri.

---

59 Kif mitlub fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kompetittività ta' Mejju 2011.

60 Il-Flash EB Nru 354 "Entrepreneurship" tal-Kummissjoni Ewropea.

61 Il-Programm ta' Azzjoni biex jelimina l-piżijiet amministrattivi minn fuq in-negozji fl-UE identifika oqsma prijoritarji li ġġeneraw madwar 80% tal-piż amministrattiv mil-leġiżlazzjoni tal-UE, inklużi r-regoli nazzjonali li jimplimentaw jew jittraspondu din il-leġiżlazzjoni. B'kollaborazzjoni mallGrupp Stoiber, li għamilha ta' konsulent indipendenti, ġew proposti mijiet ta' addattazzjonijiet li diġà ġġeneraw aktar minn EUR 40 biljun ta' frankizz annwali għall-intrapriżi. Il-proposti involvew oqsma differenti, mill-agrikoltura, l-ambjent, u s-sajd għal-leġiżlazzjoni tal-kumpaniji, it-taxxi, l-istatistika, is-sikurezza fl-ikel u fil-prodotti farmċewtiċi. L-akbar "kontributuri" għal dan il-frankizz huma l-liġijiet tat-taxxi (il-bidla minn kontijiet stampati fuq il-karta għal kontijiet elettroniċi) u l-liġijiet tal-kumpaniji (eċċezzjonijiet għall-intrapriżi mikro minn xi dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-karta tal-bilanċ u l-obbligazzjonijiet ta' pubblikazzjoni).

62 COM(2011)803 u il-Komunikazzjoni dwar l-Idoneità Regolatorja tal-UE (REFIT!) ara: http://ec.europa.eu/governance/better_regulation/index_mt.htm

**Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti li jmorru lil hinn mill-mira ta' tnaqqis ta' 25%.** Miżuri li jiswew EUR 30,8 biljun ta' frankizz annwali għan-negozji diġà ġew adottati mil-leġiżlaturi tal-UE. Dan jirrappreżenta 25% tal-piż regolatorju, li ġie stmat għal EUR 123,8 biljun. Jista' jinkiseb tnaqqis ieħor ta' 5,5% tal-piż jekk il-proposti addizzjonali ppreżentati mill-Kummissjoni jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

Sar frankizz notevoli fl-oqsma tal-**liġijiet tat-taxxa** (il-bidla mill-kontijiet fuq il-karta għall-kontijiet elettroniċi) u l-liġijiet dwar in-negozju (eċċezzjonijiet għall-mikrointrapriżi minn xi dispożizzjonijiet dwar l-obbligi ta' rappurtar finanzjarju). Pereżempju, id-Direttiva dwar il-Fatturazzjoni[63] ħolqot trattament ugwali ta' fatturati fuq il-karta u fatturati elettroniċi u ma għadhiex tippermetti li l-Istati Membri jippreskrivu teknoloġija partikolari għall-fatturati elettroniċi[64]. Sar progress ukoll fil-modernizzazzjoni tal-**leġiżlazzjoni tad-dwana**, li naqqset l-obbligi tar-rappurtar statistiku minn fuq l-SMEs. u f'firxa wiesgħa ta' oqsma madwar l-Istati Membri[65].

**It-tnaqqis ta' piż regolatorju bla bżonn jew eċċessiv għadu fil-qofol tal-aġenda politika tal-Kummissjoni.** Għal dan il-għan, apparti milli jsiru l-konferenzi fl-Istati Membri, fl-1 ta' Ottubru 2012 tnediet konsultazzjoni pubblika biex jiġu identifikati **l-10 biċċiet leġiżlattivi tal-UE li jimponu l-aktar piż**[66]**.** Ir-riżultat ta' din il-konsultazzjoni, flimkien ma' analiżi aktar speċifika, se jitqiesu meta tiġi vvalutata l-ħtieġa għal reviżjoni tar-regolamenti tal-UE f'oqsma speċifiċi.

**L-obbligi regolatorji tan-negozji għandhom ikunu ċari u sempliċi**. Apparti milli jipproteġu s-saħħa u s-sikurezza pubbliċi u fuq il-post tax-xogħol u l-ambjent, oqfsa regolatorji ċari jiżguraw kundizzjonijiet ekwi, kompetizzjoni ġusta u ħielsa, ċertezza kummerċjali u l-prevedibbiltà tas-swieq. Regolamentamentazzjoni intelliġenti tista' wkoll tagħti spinta lill-innovazzjoni li ġġib lill-Kumpaniji Ewropej fil-post ewlieni fl-aktar teknoloġiji u servizzi importanti. Iżda l-liċenzjar doppju jew mhux ikkoordinat għandu jiġi eliminat. Bl-istess mod, formalitajiet peżanti, bħalma hi t-talba li wieħed juri provi tal-awtentiċità ta' dokumenti pubbliċi (eż. rekords korporattivi), għandhom jiġu eliminati għall-attivitajiet kummerċjali fis-Suq Intern.

**Għandha tiġi eliminata jew imnaqqsa l-burokrazija żejda** fejn hu possibbli **għan-negozji kollha** u b'mod partikolari għall-intrapriżi mikro **li jinkludu lil min jaħdem għal rasu u l-professjonijiet liberi**, li huma partikolarment vulnerabbli għall-piżijiet tal-burokrazija minħabba d-daqs żgħir tagħhom u r-riżorsi umani u finanzjarji limitati tagħhom. Fl-istess ħin, għandhom jitneħħew l-ostakoli żejda u mhux ġustifikati biex dak li jkun jidħol f'professjoni libera.

Fil-qasam tal-akkwist pubbliku l-SMEs u offerenti transkonfinali huma mxekkla mir-rekwiżiti amministrattivi (pereżempju l-presentazzjoni ta' dokumenti ta' provi), mill-problemi biex jiksbu l-informazzjoni u xi kultant mir-rekwiżiti sproporzjonati tal-awtoritajiet kontraenti. Il-

---

[63] Id-Direttiva 2010/45/UE tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2010 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tar-regoli dwar il-fatturazzjoni

[64] Huwa stmat li kieku n-negozji kollha kellhom jadottaw il-fatturazzjoni elettronika, il-frankizz li jirriżulta jkun jammonta għal EUR18-il biljun fuq terminu medju ta' żmien.

[65] Għal ġabra tal-aħjar prattiċi ara l-annessi estensivi ta' 'Europe can do better', adottat mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi (Novembru 2011), fuq http://ec.europa.eu/dgs/secretariat_general/admin_burden/best_practice_report/docs/bp_report_signature_en.pdf

[66] Konsultazzjoni: "Which are the TOP10 most burdensome EU legislative acts for SMEs?" http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/public-consultation-new/index_en.htm

proporżjon ta' SMEs li jirbħu l-kuntratti ta' akkwist pubbliku ma tbiddilx b'mod sinifikanti mill-2002 'l hawn. L-iżjed fattur sinifikanti li jaffettwa l-parteċipazzjoni tal-SMEs huwa d-daqs tal-kuntratti – l-SMEs ma għandhomx il-kapaċità li jagħmlu l-offerti għal kuntratti pubbliċi kbar jew li jissodisfaw ir-rekwiżiti tagħhom, u b'mod ġenerali, il-kuntratti li jkunu akbar minn EUR 300 000 jidher li huma barra mill-kapaċità tagħhom. L-użu tal-lottijiet għal kuntratti b'valur totali ogħla minn ċerti limiti jżid l-għadd ta' kuntratti aċċessibbli għall-SMEs.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Istati Membri biex ikomplu jimmodernizzaw is-swieq tax-xogħol billi jissimplifikaw il-leġiżlazzjoni dwar l-impjieg u jiżviluppaw arranġamenti ta' xogħol flessibbli li jkunu jinkludu arranġamenti ta' xogħol fuq żmien qasir[67].

Apparti dan, in-negozji għandhom ikunu jistgħu jafdaw **fuq il-parir u l-għajnuna tal-esperti** kull meta jkollhom jiffaċċaw il-liġi tas-Suq Intern applikata ħażin, qasam li fih in-netwerk (SOLVIT) tal-Kummissjoni ilhu attiv għal dawn l-aħħar 10 snin.

**L-imprendituri għandhom ikunu jistgħu wkoll jorbtu fuq punt ta' kuntatt wieħed minn fejn jieħdu l-informazzjoni komprensiva dwar liċenzji, proċeduri amministrattivi, finanzi u appoġġ pubbliku.** Il-"Punti uniċi ta' servizz" għall-imprendituri bħal "Barcelonactiva", ir-rebbiegħ tal-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża 2011, għandu jkollhom ambitu usa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni dan l-aħħar varat portal ġdid "L-Ewropa Tiegħek" li jinkludi **punt ta' aċċess wieħed dwar l-istrumenti finanzjarji tal-UE**[68]. Għandhom isiru disponibbi onlajn għan-negozji aktar proċeduri amministrattivi, anki minn naħa ta' fruntiera għal oħra. L-Istati Membri huma mħeġġin li jestendu l-Punti ta' Kuntatt Uniku tagħhom li ġew stabbiliti skont id-Direttiva dwar is-Servizzi għal aktar proċeduri, li dawn isegwu l-approċċ taċ-ċiklu ta' ħajja tan-negozji, li jkunu multilingwi u aktar faċli għall-utent.

*Il-Kummissjoni se:*

- *Tkompli bl-isforzi kollha tagħha t-tnaqqis tal-piż regolatorju fil-leġiżlazzjoni proposta tal-UE, b'mod speċjali f'oqsma fejn dan il-piż huwa l-itqal.*
- *Tindika kif se torganizza l-eżami u r-reviżjoni tar-regolamenti tal-UE biex tnaqqas il-piż bla ħtieġa jew eċċessiv f'oqsma li huma identifikati bħala "l-itqal għaxra". Se jiġu proposti wkoll inizjattivi leġiżlattivi li jnaqqsu l-piż amministrattiv f'oqsma oħra, bħal dawk li jippromwovu l-fatturazzjoni elettronika fil-qasam tal-akkwisti pubbliċi u dawk li jiffaċilitaw in-negozju permezz ta' dikjarazzjoni standard tal-VAT*[69].
- *Tipproponi leġiżlazzjoni li tabbolixxi r-rekwiżiti diffiċli ta' awtentikazzjoni għal dokumenti pubbliċi li jridu jippreżentaw l-SMEs biex iwettqu l-kummerċ transkonfinali fis-Suq Uniku.*

67 "Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi", 18.4.2012, COM(2012) 173 finali. Ara wkoll "Ostakli għat-tkabbir - Reklutaġġ tal-ewwel impjegat" rapport tal-grupp ta' esperti dwar L-ewwel Impjegat, http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/files/support_measures/first_emp/1st_emp_mt.pdf

68 Dan huwa r-riżultat tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni biex jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament mill-SMEs, (COM(2011) 870 finali.

69 Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2013 (COM (2012) 629 finali)

- *Tistabbilixxi grupp ta' ħidma li jivvaluta l-ħtiġiet tal-imprendituri ta' professjoni libera rigward kwistjonijiet bħas-simplifikazzjoni, l-internazzjonalizzazzjoni jew l-aċċess għall-finanzi.*

- *Tissorvelja l-progress permezz tal-Punti Uniċi ta' Kuntatt skont id-Direttiva dwar is-Servizzi u tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jieħdu approċċ li jkun aktar orjentat lejn il-kummerċ.*

- *Taġixxi biex tiżgura li jkun hemm aktar negozji li jsibu l-għajnuna permezz tas-SOLVIT meta d-drittijiet tagħhom fis-suq uniku jiġu nnegati mill-awtoritajiet pubbliċi. In-Netwerk Enterprise Europe għandu jgħin lin-negozji bil-għan li jiżgura li dawn ikunu jistgħu effettivament jaċċessaw u jutilizzaw lis-SOLVIT. Tgħarbel ir-riżorsi kollha li jeżistu għall-imprendituri fil-livell tal-UE biex tiżgura ċ-ċarezza u l-aċċessibbiltà tagħhom u biex jiġu evitati l-irduppjar u kull-informazzjoni li ma tkunx għadha tiswa.*

*L-Istati Membri huma mistiedna li:*

- *Sal-aħħar tal-2015 inaqqsu ż-żmien għal xahar, għall-ħruġ ta' liċenzji u awtorizzazzjonijiet oħra meħtieġa minn min irid jibda' attività kummerċjali*[70]

- *Jimplimentaw kompletament il-"Kodiċi Ewropew tal-Aqwa Prattiki li jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għall-akkwist pubbliku" sal-2013.*

- *Ikomplu jimmodernizzaw is-swieq tas-suq billi jissimplifikaw il-leġiżlazzjoni dwar l-impjieg u jiżviluppaw arranġamenti ta' xogħol flessibbli, li jinkludu arranġamenti ta' xogħol fuq żmien qasir.*[71]

- *Jestendu l-ambitu tal-Punti Uniċi ta' Kuntatt għal aktar attivitajiet ekonomiċi u jirrenduhom aktar faċli għall-utent;*

- *Jistabbilixxu "punti uniċi ta' servizz għall-imprendituri" biex jiġbru flimkien is-servizzi kollha ta' sostenn għan-negozji, inklużi l-mentoraġġ, il-faċilitazzjoni u l-għotja ta' pariri dwar l-aċċess għall-finanzjament konvenzjonali u mhux konvenzjonali, dwar l-aċċess għall-"inkubaturi" u "aċċelleraturi tan-negozju" u għas-sostenn ta' internazzjonalizzazzjoni bikrija ta' intrapriżi ġodda. Il-partijiet interessati rilevanti kollha għandhom jiġu involuti biex jiġi żgurat approċċ ta' sħubija, dawn jinkludu lil min jipprovdi l-edukazzjoni u t-taħriġ.*

## 4. Il-Pilastru ta' Azzjoni 3 - il-mudelli eżemplari u l-Ilqugħ ta' gruppi speċifiċi.

### 4.1. Perċezzjonijiet ġodda: l-imprendituri bħala mudelli eżemplari

**L-Ewropa għandha għadd limitat ta' stejjer ta' suċċess magħrufin.** Dan minħabba li l-intraprenditorija qatt ma ġiet ipperċepita bħala karriera ppreferuta. Huwa rari biex issib fl-Ewropa li x-xogħol ta' imprenditur ikun stmat fost l-aħjar professjonijiet. Minkejja l-fatt li l-

[70] L-istudju "Business Dynamics" tal-2010 sab li f'seba' minn 33 pajjiż Ewropew li ġew mistħarrġa, kien possibbli li ħames kumpaniji mudell jiksbu l-liċenzji kollha meħtieġa fi żmien 30 jum.

[71] http://ec.europa.eu/europe2020/pdf/ags2013_mt.pdf, , p. 10

imprendituri joħolqu l-impjiegi u jmexxu lill-ekonomija, is-suċċessi tagħhom mhumiex murijin mill-midja bħala mudelli ta' min wieħed jimxi fuqhom. B'hekk għaż-żgħażagħ, karriera intraprenditorjali pjuttost tidher fost l-inqas attraenti, u dan għandu effett dissważiv fuq dawk li forsi jkunu jixtiequ jsiru imprendituri.

Għaldaqstant, element importanti biex tinbidel il-kultura dwar l-intraprendenza huwa **bidla fil-perċezzjoni tal-imprendituri permezz ta' komunikazzjoni prattika u pożittiva** dwar il-kisbiet ta' suċċess tal-imprendituri, dwar il-valur tagħhom għas-soċjetà u dwar l-opportunitajiet li hemm għall-ħolqien jew l-akkwist ta' negozji ġodda bħala karriera. Biex jintlaħaq dan l-għan, il-viżibbiltà tagħhom bħala mudelli eżemplari trid tiżdied, u trid tintwera wkoll id-diversità tal-profili intraprenditorjali u l-mezzi diversi biex wieħed jikseb suċċess. L-informazzjoni ċara u interessanti dwar l-isfidi u s-sodisfazzjon ta' karriera intraprenditorjali tista' tpatti għall-impressjonijiet negattivi. Għalhekk, diskussjoni korrispondenti usa fil-pubbliku, b'mod speċjali fil-midja, hija essenzjali biex issir revoluzzjoni intraprenditorjali. L-istituzzjonijiet pubbliċi u privati għandhom jitħeġġew li jenfasizzaw l-importanza soċjali u ekonomika tal-intraprenditorija, mhux biss bħala karriera leġittma, iżda wkoll bħala kwistjoni ta' importanza għall-interessi nazzjonali, Ewropew u internazzjonali.

*Il-Kummissjoni se:*

- *Fil-qafas tal-"Ġimgħa tal-SMEs", tistabbilixxi madwar l-Ewropa "Jum tal-UE għall-Intraprenditorija" għall-istudenti li jkunu fl-aħħar sena tal-ekukazzjoni sekondarja. L-avvenimenti jistgħu jinkludu laqgħat mal-imprendituri, studji tal-każijiet, lekċers, sessjonijiet ta' ħidma u "ġranet bil-bibien miftuħa" tan-negozji.*

*L-Istati Membri huma mistiedna li:*

- *Jagħtu spinta lill-attivitajiet ta' prommozzjoni tal-intraprenditorija u jaħtru lil imprendituri li jkunu magħrufin bħala Ambaxxaturi tal-Imprenditorija nazzjonali, biex dawn isiru "l-uċuħ tal-intraprenditorija" f'pajjiżhom. Ir-rwol tagħhom ikun li jipprommwovu l-valur tal-intraprenditorija għas-soċjetà, li jenfasizzaw l-importanza li jiġu żviluppati ħiliet u esperjenzi intraprenditorjali fl-edukazzjoni, u li jenfasizzaw lill-intraprenditorija bħala opportunità għal karriera.*
- *Iqisu aħjar id-diversità tal-mudelli kummerċjali u l-istatus legali fl-iskemi nazzjonali tagħhom ta' sostenn għan-negozji, u jiżviluppaw l-edukazzjoni u t-taħriġ intraprenditorjali.*

### 4.2. Orizzonti ġodda: l-indirizzar ta’ nisa, anzjani, migranti, dawk qiegħda, żgħażagħ

Il-gruppi demografiċi li mhumiex irrappreżentati biżżejjed fi ħdan il-popolazzjoni imprenditorjali u speċjalment bħala fundaturi ta’ impriżi ġodda huma dawk taż-żgħażagħ, n-nisa, l-persuni b’diżabilità u/jew il-migranti. L-Ewropa jeħtieġ li tiftaħ toroq għalihom fil-qasam tal-intrapriża biex toħloqilhom impjiegi, issaħħaħhom ekonomikament u soċjalment u tagħti spinta lill-kapaċitajiet kreattivi u innovattivi tagħhom. Dawn it-toroq iridu jkunu sensittivi għall-ħtiġijiet tal-gruppi differenti, l-aspettattivi u d-drawwiet tagħhom għal dak li huwa l-mod kif jitwasslu u jaslu l-pariri u t-tagħrif. L-azzjonijiet għandhom ikunu msejsa fuq skema integrata ta’ appoġġ li ġġib ’il quddiem il-kapital tal-bniedem kif ukoll tipprovdi appoġġ finanzjarju. Apparti mill-attivitajiet speċifiċi adattati għall-ħtiġijiet ta' kull wieħed minn dawn il-gruppi, huma għandhom kollha jiġu inklużi fi programmi ta' taħriġ dwar l-

imprenditorija li huma ddisinjati u offruti bi sħubija ma' dawk li jipprovdu l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, konsulenti ewlenin fil-qasam tan-negozju u istituzzjonijiet finanzjarji.

### *4.2.1. In-nisa*

In-nisa jikkostitwixxu 52 % tal-popolazzjoni totali tal-Ewropa iżda jammontaw għal terz biss fil-każ ta' dawk li jaħdmu għal rashom jew dawk kollha li jwaqqfu azjenda fl-UE[72]. In-nisa għaldaqstant jirrappreżentaw sors kbir mhux utilizzat ta' potenzjal intrapenditorjali fl-Ewropa. Meta jistabbilixxu jew imexxu azjenda n-nisa jħabbtu wiċċhom ma' aktar diffikultajiet mill-irġiel, l-aktar f'dak li huwa aċċess għal finanzi, taħriġ, netwerking, u rikonċiljazzjoni ta' negozju mal-familja[73].

L-imprendituri nisa potenzjali għandu jkollhom għarfien dwar programmi ta' appoġġ u opportunitajiet ta' finanzjament.

Fl-2009 il-Kummissjoni inawgurat in-Netwerk Ewropew tal-Ambaxxaturi tal-Imprenditorija fost in-Nisa biex iservu bħala mudell ta' ispirazzjoni għall-imprendituri nisa potenzjali. Fl-2011 dan in-netwerk kellu bħala segwitu n-**Netwerk Ewropew ta' Konsulenti għall-Imprendituri Nisa**, li minn rajhom jagħtu pariri lin-nisa li jibdew u jmexxu azjenda ġdida. *Fl-2012, il-Kummissjoni għamlet proposta biex ittejjeb il-bilanċ bejn in-nisa u l-irġiel fil-bordijiet ta' kumpaniji fl-elenku pubbliku.* Anki jekk is-sħubija fil-bordijiet teħtieġ kompetenzi u ħiliet differenti minn dawk tal-imprenditorija, li jkun hemm aktar nisa fil-pożizzjonijiet għolja ta' tmexxija jista' jservi ta' mudell għan-nisa inġenerali. Li jkun hemm għadd ikbar ta' nisa professjonisti importanti jibgħat messaġġ lin-nisa l-oħra li huma wkoll għandhom ċans li jirnexxu fis-suq tax-xogħol.

L-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni attwali dwar l-ugwaljanza tas-sessi, b'mod partikolari d-Direttiva 2010/41/KE[74] għandha tkompli tistimula l-imprenditorija fost in-nisa.

*Il-Kummissjoni se:*

- *Toħloq pjattaforma ta' netwerking onlajn ta' mentoraġġ, pariri, edukazzjoni u imprenditorija mal-Ewropa kollha għall-imprendituri nisa li lin-netwerks attwali ta' ambaxxaturi u konsulenti se tqiegħdhom onlajn, twessa' l-offerta tagħhom u tespandi r-raġġ ta' applikazzjoni tagħhom u tappoġġja l-imprendituri nisa fil-livell nazzjonali u reġjonali billi ġġib 'il quddiem l-iskambju ta' prassi tajba bejn l-Istati Membri.*

*L-Istati Membri huma mistiedna biex:*

- *Jiddisinjaw u jimplimentaw strateġiji nazzjonali għall-imprenditorija fost in-nisa li għandhom l-għan li jżidu s-sehem ta' kumpaniji mmexxija min-nisa.*
- *Jiġbru dejta li tiddistigwi nisa minn irġiel u jipproduċu aġġornamenti annwali dwar l-istat tal-imprendituri nisa b'mod nazzjonali.*

72 Eurostat, 'Statistics in focus: the entrepreneurial gap between men and women' (30/2007).
73 Ara, pereżempju, O. Bekh, ETF Women's Entrepreneurship Development, Policy Brief (2012); A. Lesina, F. Lotti, 'Do Women Pay More for Credit? Evidence from Italy', NBER Working Paper (2008); 'women in business and decision-making', Eurochambres (2004).
74 Ġ.U. L180/1 tal-15.7.2010

- *Jissoktaw u jespandu n-netwerks attwali ta' Ambaxxaturi u Konsulenti Imprenditorjali Nisa għan-Nisa Imprenditorjali.*
- *Jimplimentaw politika li tippermetti li n-nisa jiksbu bilanċ xieraq bejn il-ħajja u x-xogħol billi jistabbilixxu ċentri xierqa u għall-but ta' kulħadd għal tfal u anzjani dipendenti.*

*4.2.2. Anzjani*

**L-anzjani huma riżorsa ta' valur għall-imprenditorija.** Bejn l-1990 u l-2010 is-sehem taċ-ċittadini 'l fuq minn 50 żdied fl-Ewropa minn 32,1 % għal 36,5 % u l-età medja tal-popolazzjoni Ewropea mistennija tiżdied fid-deċenni li jmiss. Grupp dejjem jikber ta' adulti b'esperjenza kbira u mħarrġin tajjeb qed jirtira kull sena u sal-ġurnata tal-lum is-soċjetà ma għamlet xejn ġdid biex tirrendihom attivi u tibbenefika mill-għarfien u l-ħiliet tagħhom. Li jiġu involuti kemm fil-ħolqien tal-impriżi kif ukoll fl-appoġġ tal-imprendituri ġodda u attwali jimmassimalizza r-rikkezza ta' esperjenza li għandhom li tista' tintilef malli jirtiraw, trawwem tagħlim interġenerazzjonali u tiżgura trasferiment ta' għarfien.

Billi n-nies qed jgħixu aktar u huma aktar sani, il-mudelli tradizzjonali ta' għażliet ta' pensjoni bdew jinbidlu. Dawk l-anzjani li jixtiequ jibdew impriża għall-ewwel darba għandhom jibbenefikaw mill-medda sħiħa ta' servizzi attwali ta' appoġġ.

**L-imprendituri anzjani jistgħu wkoll ikunu sorsa ta' valur għal imprendituri oħra**. L-imprendituri pensjonanti għandhom għarfien u esperjenza prezzjuża li tista' tiffaċilita ħafna lil xi ħadd mingħajr esperjenza li jixtieq jibda u jmexxi kumpanija. Dan l-għarfien jirrappreżenta kapital intellettwali Ewropew ta' valur u għandu jiġi sfruttat sal-aħħar. L-Ewropa tista' tkun ispirata minn programmi bħal "Senior Enterprise" (Irlanda) u "Maillages" (Franza) li jħeġġu l-anzjani motivati biex jagħmluha ta' konsulenti volontarji, xerrejja potenzjali jew investituri f'azjendi, jew maniġers temporanji biex jgħinu impriżi ġodda vulnerabbli jew negozji fi tranżizzjoni[75].

*Il-Kummissjoni se:*

- *Tgħin fl-iskambju tal-aqwa prassi li jgħin lill-eżekuttivi anzjani u lill-imprendituri jagħtu pariri lill-imprendituri ġodda kif ukoll tappoġġa mentoraġġ reċiproku u interġenerazzjonali bejn l-imprendituri, biex jiskambjaw ħiliet vitali, bħall-edukazzjoni fl-ICT u l-esperjenza tal-anzjani.*

*L-Istati Membri huma mistiedna li:*

- *Jrawwmu imprendituri anzjani interessati fit-trasferiment tal-għarfien lejn l-imprendituri ġodda u jlaqqgħu flimkien l-imprendituri anzjani mal-imprendituri mingħajr esperjenza biex joħolqu tims b'settijiet ta' ħiliet usa'.*
- *Jiżguraw li l-parteċipazzjoni tal-imprendituri anzjani u l-eżekuttivi pensjonanti fi proġetti tkun kompatibbli mal-prospetti tagħhom ta' pensjoni.*

[75] Eżempju ieħor ta' dak li jista' jinkiseb huwa evidenti fil-Korpi ta' Servizz ta' Eżekuttivi Irtirati (SCORE) ibbażati fl-Istati Uniti li waqqfu netwerk ta' 13,000 volontiera li bis-saħħa tal-konsulenza esperta tagħhom inħolqu 67 000 impjieg fl-2011.

### *4.2.3. Migranti*

L-immigranti waqqfu 52 % tal-kumpaniji ġodda li nħolqu f'Silicon Valley bejn l-1995 u l-2005 u l-biċċa l-kbira tas-suċċess ta' Iżrael hija dovuta għall-popolazzjoni ta' immigranti. Skont l-OECD, l-immigranti għandhom daqsxejn aktar sens ta' imprenditorija min-nies tal-post u wieħed li jaħdem għal rasu mwieled barra u li għandu azjenda żgħira jew ta' daqs medju joħloq bejn 1,4 u 2,1 impjieg addizzjonali[76]. L-immigranti jirrappreżentaw riżerva ta' imprendituri importanti potenzjali fl-Ewropa. Iżda, illum l-impriżi migranti Ewropej huma mikroimpriżi li jimpjegaw ftit nies jew xejn affattu. Huma wkoll żgħar meta jitqabblu ma' impriżi tal-post għal dak li huwa fatturat u profitt. Il-popolazzjonijiet migranti kkwalifikati ta' sikwit jiltaqgħu ma' diffikultajiet legali, swieq tax-xogħol limitati u opportunitajiet ta' karriera li jġgħeluhom jidħlu fil-qasam tax-xogħol awtonomu. B'kuntrast ma' dan, xi pajjiżi terzi għandhom politika ta' migrazzjoni partikolarment attraenti biex jiffaċilitaw id-dħul tal-imprendituri. Il-gruppi l-aktar vulnerabbli ta' migranti anqas ikkwalifikati wkoll għandhom jiġu indirizzati. Minkejja li l-migranti għandhom rati ogħla ta' ħolqien ta' azjendi mill-bqija tal-popolazzjoni ifallu aktar minħabba nuqqas ta' informazzjoni, għarfien u ħiliet lingwistiċi[77].

l-UE għarfet pubblikament il-kontribut ewlieni li l-imprendituri migranti jistgħu jagħmlu għat-tkabbir sostenibbli u u l-impjieg. L-Aġenda Ewropea għall-Integrazzjoni taċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi[78] tenfasizza r-rwol importanti tal-migranti bħala imprendituri u tiddikjara li "il-kreattività tagħhom u l-kapaċità ta' innovazzjoni għandhom ukoll jissaħħu". Huwa importanti li l-politika li tinkoraġixxi l-impriża fl-Ewropa tqis bis-sħiħ il-potenzjal imprenditorjali rrappreżentat minn dan il-grupp. Ċittadini mhux tal-UE bi kwalifiki għoljin diġà jistgħu jiġu aċċettati bħala ħaddiema skont id-Direttiva tal-Blue Card[79]. Il-politika nazzjonali u Ewropea għandha wkoll tikkunsidra l-potenzjal tal-migranti kkwalifikati għall-ħolqien tal-impriżi u l-impjiegi. B'mod partikolari, miżuri ta' appoġġ u inizjattivi ta' politika għandhom jgħinu biex jiġbdu imprendituri potenzjali bit-talent li jixtiequ joħolqu kumpaniji globali bbażati fl-Ewropa.

*Il-Kummissjoni se:*

- *Tipproponi inizjattivi ta' politika biex tiġbed l-imprendituri migranti u tiffaċilita l-imprenditorija fost il-migranti li diġà jinsabu fl-UE jew li jidħlu għal raġunijiet li mhumiex ta' negozju, dejjem fuq il-bażi tal-aħjar prassi li tiżviluppa fl-Istati Membri, inkluż mill-awtoritajiet lokali.*

- *Tanalizza l-opportunità li tipproponi leġiżlazzjoni li għandha l-għan li tneħħi l-ostakoli legali għat-twaqqif tal-impriżi u tagħti lill-imprendituri immigranti kkwalifikati permessi stabbli.*

*L-Istati Membri huma mistiedna li:*

[76] OECD(2010), Open for Business; Migrant Entrepreneurshi in OECD Countries, OECD Publishing, http://dx.doi.org/10.1787/9789264095830-en

[77] Rath, J., Eurofound (2011), *Promoting ethnic entrepreneurship in European cities*, Publications Office of the European Union, Luxembourg. *Europe, disponibbli fuq : http://www.eurofound.europa.eu/pubdocs/2011/38/en/2/EF1138EN.pdf*

[78] COM(2011) 455 finali u SEC(2011) 957 finali

[79] Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE

- *Jneħħu l-ostakoli legali għat-twaqqif tal-impriżi mill-imprendituri legali migranti, bħal billi jikkunsidraw inizjattivi biex jagħtu permessi stabbli lill-imprendituri immigranti kkwalifikati jew lill-immigranti gradwati minn istituzzjoni ta' livell universitarju Ewreopew biex ikunu jistgħu jwaqqfu negozju fl-Ewropa, li jistgħu jiġu estiżi jekk jinkisbu miri predefiniti f'termini ta' ħolqien ta' impjieg, fatturat jew ġbir ta' fondi ġodda.*

- *Jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni u n-netwerking għall-imprendituri migranti u imprendituri prospettivi migranti billi, pereżempju, joħolqu ċentri ta' informazzjoni rilevanti f'żoni li għandhom popolazzjoni numeruża ta' migranti.*

*4.2.4. Nies qiegħda, b'mod partikolari żgħażagħ*

Minħabba l-għadd sinifikanti ta' nies qiegħda mal-Ewropa kollha, l-iskemi ta' appoġġ għall-imprenditorija għandhom jiġu stabbiliti biex jiġi inkoraġġit il-ħolqien tal-impriżi bħala soluzzjoni għall-qgħad[80]. Ftit huma dawk l-iskemi ta' appoġġ għall-iżvilupp tan-negozju li għandhom fil-mira ż-żgħażagħ b'mod speċfiku[81].

L-appoġġ kollu tal-iżvilupp tan-negozju għandu jinkludi possibilitajiet ta' informazzjoni u jipprovdi ħoloq għal servizzi ta' appoġġ, pariri u konsulenza, ikkowċjar imprenditorjali u mentoraġġ. Din l-għajnuna tista' tiġi estiża wkoll għall-forniment ta' ħiliet partikolari (pereżempju l-għarfien tal-opportunitajiet, ippjanar ta' negozju, amministrazzjoni finanzjarja, bejgħ u kummerċjalizzazzjoni), b'mod jew informali (pereżempju skema ta' mentoraġġ) jew b'mod aktar formali, billi jattendu kors. Is-sostenn għandu jkun immirat lejn gruppi li għandhom l-aktar potenzjal, (bħalma huma ħaddiema qiegħda li jkollhom ħiliet professjonali, nisa jew żgħażagħ), u għandu jiddependi fuq kooperazzjoni mill-qrib bejn is-servizzi tal-impjieg, l-appoġġ għan-negozju u l-fornituri tal-finanzjament. L-għan huwa li dawk li huma qiegħda jsibu għajnuna biex iwettqu tranżizzjoni effettiva fil-qasam tax-xogħol awtonomu, jżidu s-sostenibbiltà tan-negozju tagħhom, u li l-appoġġ jiġi indirizzat lejn gruppi li jistgħu jkollhom bżonn ta' riżorsi addizzjonali bħal żgħażagħ jew dawk li jistgħu ma jintlaħqux bl-aħjar mod b'mezzi tradizzjonali ta' appoġġ imprenditorjali.

Għandha ssir ukoll attenzjoni għal dawk li huma bla xogħol inġenerali, b'mod partikolari dawk li diġà għandhom ħiliet u kompetenzi li jistgħu jiġu trasferiti permezz ta' kkowċjar imprenditorjali u mentoraġġ lejn il-qasam tal-imprenditorija awtonoma.

*Il-Kummissjoni se:*

- *Tniedi fl-2014 il-faċilità mikrofinanzjarja tal-ġejjieni skont il-PSCI li se jkollha fil-mira l-gruppi vulnerabbli, inklużi persuni li tilfu xogħolhom jew qegħdin f'riskju li jitilfuh, jew li għandhom diffikultà biex jidħlu, jew jidħlu lura, fis-suq tax-xogħol.*

- *Tipprovdi, permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, għajnuna teknika li tiffoka, fost l-oħrajn, fuq it-twaqqif ta' skemi ta' appoġġ għaż-żgħażagħ imprendituri ġodda u l-imprendituri soċjali.*

80 "Inressqu ż-Żgħażagħ lejn l-Impjieg", COM (2012) 727

81 Ara b'mod partikolari l-European Commission-OECD Policy Brief on Youth Entrepreneurship in Europe, li tinsab fuq: http://ec.europa.eu/youth/news/20120504-youth-entrepreurship-employment_en.htm

- *Torganizza, fil-kuntest tal-Faċilità Mikrofinazjarja għall-Progress, forum għall-partijiet interessati dwar il-mikrofinanzjament u l-intraprenditorija soċjali f'Ġunju 2013 biex tinvolvi lill-intermedjarji finanzjarji lokali fil-promozzjoni tal-attivitajiet imprenditorjali fl-ekonomija li tirrispetta l-ambjent.*

- *Tanalizza fir-Rapport Annwali dwar l-Imprenditorija tagħha tal-2013, imtella' b'mod konġunt mal-OECD, il-qagħda tal-imprenditorija għal dawk li huma bla xogħol. Ir-rapport se jippreżenta analiżi tas-sitwazzjoni attwali, joffri eżempji ta' prassi tajba fis-soluzzjoni tal-kwistjoni u jipproponi rakkomandazzjonijiet rilevanti ta' politika.*

- *Tanalizza r-riżultati tal-istudju dwar "Ix-xogħol awtonomu u l-imprenditorija: il-kontribut tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg għall-ħolqien tal-impjiegi", u torganizza avveniment ta' tixrid għas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg f'Ġunju 2013.*

*L-Istati Membri huma mistiedna li:*

- *Jorbtu flimkien is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg mas-servizzi ta' appoġġ imprenditorjali u l-fornituri tal-(mikro)finanzi biex jgħinu lil min huwa bla xogħol jidħol fil-qasam tal-imprenditorija.*

- *Jfittxu li jsolvu l-problema tal-qgħad billi joħolqu programmi ta' taħriġ imprenditorjali għal żgħażagħ qiegħda li jinkludu stadji ddefiniti b'mod ċar: l-elaborazzjoni tal-profili, impriżi ġodda, konsolidament u tkabbir, kull stadju joffri għażla ta' servizzi varjabbli (konsulenza, taħriġ u kwalifikazzjoni, mentoraġġ u aċċess għall-mikrokreditu), bi sħubija ma' organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u organizzazzjonijiet oħra, konsulenti imprenditorjali ewlenin u istituzzjonijiet finanzjarji.*

- *Jniedu programmi attivi tas-suq tax-xogħol li jipprovdu appoġġ finanzjarju lin-nies qiegħda kollha biex jibdew impriża.*

- *Jistabbilixxu u jmexxu skemi ta' edukazzjoni fl-imprenditorija għal dawk bla xogħol biex ikunu jistgħu jidħlu (jidħlu mill-ġdid) fil-qasam tal-imprenditorija bħala imprendituri abbażi ta' mudelli ta' suċċess minn għadd ta' Stati Membri, bi sħubija ma' sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ bħala mezz ta' involviment fl-edukazzjoni li toffri opportunità alternattiva.*

## 5. KONKLUŻJONIJIET

Fil-kriżi ekonomika attwali **l-impriżi ġodda u reċenti jirrappreżentaw ingredjent ewlieni fil-ħolqien ta' Ewropa li tirkupra bis-saħħa tal-ħolqien ta' ħafna postijiet tax-xogħol.** Il-problemi marbuta mar-rata baxxa ta' ħolqien ta' kumpaniji, rata għolja ta' flutwazzjonijiet u tkabbir baxx ta' kumpaniji fl-Ewropa huma magħrufa sew. Jeħtieġ li tittieħed azzjoni li permezz tagħha l-imprendituri Ewropej, u l-Ewropa kollha kemm hi, jistgħu jkunu aktar flessibbli, kreattivi u jkollhom impatt ikbar fil-kompetizzjoni globalizzata li hija dejjem iktar eżiġenti u rapida minn qatt qabel.

Biex isaħħu l-imprendituri tal-Ewropa u jġibu 'l quddiem l-attività imprenditorjali tagħha, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jridu jaħdmu flimkien biex jirkupraw il-fiduċja, joħolqu l-

aqwa ambjent possibbli għall-imprendituri billi jqegħduhom fil-qalba nett tal-politika u l-prassi imprenditorjali u jbiddlu radikalment il-kultura tal-imprenditorija.

Il-każijiet ta' suċċess mill-Ewropa kollha juru li jeżistu prassijiet tajba li permezz tagħhom l-imprendituri jistgħu jikbru u jistgħanew. L-Ewropa trid tħaddan u tisfrutta bis-sħiħ ir-rikkezza ta' dawn l-esperjenzi biex teħles mill-ostakli u twarrab għal kollox ir-rekwiżiti ta' xkiel li jxekklu l-operazzjonijiet kummerċjali. **L-għarfien tal-imprendituri bħala sors ta' impjiegi u prosperità** għandu jkun mifrux mal-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, l-Ewropa trid tiġbed lejha l-aqwa mħuħ imprenditorjali fuq livell internazzjonali: oqfsa regolatorji u ta' appoġġ għandhom jiġbdu l-imprendituri li jwaqqfu kumpaniji ġodda minn bnadi oħra tad-dinja lejn l-Ewropa minflok ma jitħallew imorru, pereżempju, lejn l-Istati Uniti jew l-Asja tal-Lvant. B'dan il-mod biss jista' jinkiseb progress li jkollu segwitu fit-tul fl-oqsma essenzjali: rekwiżiti regolatorji aktar proporzonati u sempliċi, aċċess għall-finanzjament, appoġġ għall-impriżi ġodda, proċeduri effiċjenti ta' trasferiment ta' impriżi u li jirrigwardaw il-falliment u opportunità oħra ġusta għall-imprendituri li ġenwinament ifallu.

Madankollu, għalkemm dawn l-elementi huma meħtieġa, mhumiex biżżejjed, waħedhom, biex jerġgħu jagħtu s-saħħa lill-imprenditorija Ewropea. L-għanijiet ewlenin tal-Ewropej biex jibdew impriża huma s-suċċess personali u l-flessibbiltà tal-ħin u l-post tax-xogħol, mhux qafas tajjeb ta' kondizzjonijiet[82]. Għaldaqstant **jeħtieġ bidla mill-għeruq tal-kultura Ewropea lejn nozzjonijiet ġodda dwar l-imprenditorija**, li tkun waħda li xxandar pubblikament is-suċċess, tenfasizza l-kontribut tal-imprendituri għall-prosperità Ewropea u tesponi l-frott ta' karriera imprenditorjali.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, jekk irridu noħolqu bidla fit-tul ma nistgħux ma ninvestux fit-tibdil tal-perċezzjoni pubblika tal-imprenditorija, fl-edukazzjoni imprenditorjali u fl-appoġġ ta' gruppi li ma humiex irrappreżentati biżżejjed fost l-imprendituri. L-attività imprenditorjali fit-tul fl-Ewropa tista' tiffjorixxi biss jekk għadd kbir ta' Ewropej jagħrfu li karriera imprenditorjali hija għażla attraenti u li tagħti l-frott.

**Il-bidla mill-għeruq fl-imprenditorija hija ħidma bejn tnejn tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri** li jridu jidħlu għaliha bil-ħsieb fit-tul.

Dan il-Pjan ta' azzjoni u l-azzjonijiet ewlenin tiegħu se jkollhom segwitu fi ħdan il-Kummissjoni permezz tal-politika dwar il-kompetittività u l-industrija u l-mekkaniżmi ta' governanza tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar, inkluż fid-dimensjoni esterna tagħhom mal-pajjiżi kandidati, potenzjalment kandidati u tal-viċinat. In-netwerk tal-Mibgħuta Nazzjonali tal-SMEs, flimkien mal-Mibgħut tal-UE tal-SMEs, għandu jkollhom rwol partikolari fl-iżgurar li jsir progress fir-rigward tal-miżuri proposti. L-Istati Membri huma mistiedna jirrappurtaw dwar il-progress fl-azzjonijiet ewlenin ta' din il-Komunikazzjoni fil-livell nazzjonali fil-kuntest tal-Programmi ta' Riforma Nazzjonali tagħhom fil-qafas tas-Semestru Ewropew. Annex:

## Anness: Azzjonijiet Ewlenin tal-Kummissjoni

**<u>Anness: Pjan ta' Azzjoni dwar l-Imprenditorija 2020 - ix-xrara tal-ispirtu imprenditorjali fl-Ewropa</u>**

82 http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/facts-figures-analysis/eurobarometer/

| *Oqsma ewlenin* | *Proposti mill-Kummissjoni* | *Data ta' implimentazzjoni* |
|---|---|---|
| **Edukazzjoni u taħriġ imprenditorjali għall-appoġġ tal-ħolqien tat-tkabbir u n-negozju** | | |
| Edukazzjoni u taħriġ | • L-iżvilupp ta' inizjattiva ta' tagħlim imprenditorjali pan-Ewropea li tlaqqa' flimkien l-għarfien espert attwali nazzjonali u Ewropew u tagħmlu disponibbli fir-rigward tal-analiżi tal-impatt, l-għarfien, l-iżvilupp ta' metodoloġiji u l-iskambju ta' appoġġ bejn il-professjonisti mill-Istati Membri.<br>• .<br>• It-twaqqif, bejn tnejn mal-OECD, ta' qafas ta' gwida biex jitħeġġeġ l-iżvilupp tal-iskejjel imprenditorjali u l-istituzzjonijiet VET.<br>• .<br>• It-tixrid tal-qafas ta' gwida imprenditorjali universitarju; l-iffaċilitar tal-iskambju bejn l-universitajiet interessati fl-applikazzjoni tal-qafas; il-promozzjoni gradwali lejn l-Istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Ogħla tal-UE;<br>• l-approvazzjoni ta' mekkaniżmi li kellhom riżultati tajba ta' ħolqien ta' negozju mmexxi mill-universitajiet (impriżi ġodda li qabdu tajjeb eċċ) u ekosistemi università-negozju li jappoġġjaw dan il-ħolqien | • 2013-15<br>• 2013-2014<br>• 2012 - 2013 |
| **Ħolqien ta' Ambjent fejn l-Imprendituri jistgħu Jikbru u Jiffjorixxu** | | |
| Aċċess għall-finanzi | • L-iffinanzjar ta' programmi li għandhom l-għan li jiżviluppaw aktar suq għall-mikrofinanzjar fl-Ewropa, permezz ta' inizjattivi bħall-PSCI u l-Azzjoni Konġunta għall-Appoġġ tal- | • Għaddej bħalissa, u li jrid jissaħħaħ f'MFF ġdid mill-2014 |

| | | |
|---|---|---|
| | Istituzzjonijiet ta' Mikrofinanzjar (JASMINE) u l-forniment ta' riżorsi għall-mikrofinanzjar lill-Istati Membri u r-reġjuni permezz tal-Fond Soċjali Ewropew jew il-Fond tal-Iżvilupp Reġjonali Ewropew.<br><br>• L-iżvilupp ta' reġim ta' skambju tal-UE li jinnegozja fl-ishma u l-bonds maħruġa mill-SME's ("Swieq ta' tkabbir tal-SMEs") biex jiġi ffaċilitat l-aċċess dirett tal-SMEs għas-suq kapitali fil-kuntest tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Suq fl-Istrumenti Finanzjarji (MiFID) | • Għaddej bħalissa |
| L-appoġġ ta' negozji ġodda fil-fażijiet kruċjali taċ-ċiklu ta' ħajja tagħhom u l-għajnuna biex jikbru | • L-identifikazzjoni u l-promozzjoni tal-aqwa prassi tal-Istati Membri bil-ħsieb li jinħoloq ambjent fiskali aktar favur l-intrapriża.<br><br>• Ir-reviżjoni tar-regoli li jipprojbixxu ċerta prassi qarrieqa ta' kummerċjalizzazzjoni biex jingħataw aktar saħħa u jiżdied l-infurzar kontra prassi bħal din f'każijiet transkonfinali.<br><br>• L-għajnuna lill-Istati Membri biex jiżviluppaw skemi u azzjonijiet ta' appoġġ integrati għall-imprendituri ġodda, l-aktar għall-imprendituri żgħażagħ permezz ta' seminars dwar il-bini tal-kapaċità ffinanzjati mill-għajnuna teknika tal-ESF, bl-involviment fost l-oħrajn ta' fornituri rilevanti mill-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-iżvilupp ta' strateġiji integrati.<br><br>• | • Għaddej bħalissa<br><br>• 2013<br><br>• 2013 |
| Opportunitajiet ġodda ta' negozju fl-era diġitali | • It-trawwim ta' bini ta' bażi ta' għarfien dwar it-tendenzi ewlenin u l-mudelli innovattivi ta' negozju fis-settur diġitali.<br><br>• It-trawwim tal-għarfien permezz ta' kampanja ta' informazzjoni mal-Ewropa kollha favur l-SMEs dwar il- | • 2013-bidu<br><br>• 2013-bidu |

| | | |
|---|---|---|
| | beneficċji mill-ICT u bl-inklużjoni tal-ħolqien ta' netwerk Ewropew tal-kummerċ bl-internet.<br><br>• L-iffaċilitar tan-networking permezz tal-ħolqien ta’ Netwerk ta’ Konsulenti Ewropej għat-taħriġ u l-pariri u t-tlaqqigħ ta’ sħubiji ġodda.<br><br>• Se jitniedu inizjattivi speċifiċi għall-imprendituri li jaħdmu bl-internet bħall-ħolqien ta’ **Sħubija Ewropea għall-Imprenditorija Ġdida** biex ikunu disponibbli l-għarfien, il-mentoraġġ, it-teknoloġija u s-servizzi, kif ukoll ħolqien ta’ **Klabb ta’ Mexxejja Imprendituri li Jaħdmu bl-Internet** biex jitlaqqgħu flimkien imprendituri ta’ klassi mondjali li jaħdmu bl-internet u tissaħħaħ il-kultura intraprenditorjali tal-internet fl-Ewropa u l-emerġenza ta’ Korsijiet Miftuħa Massivi Onlajn għat-trawwim tat-talent mill-internet u t-twaqqif ta’ pjattaformi għall-konsulenza, u t-tiswir tal-ħiliet<br><br>• It-tisħiħ tal-kompetenzi u l-ħiliet, jiġifieri l-intensifikazzjoni tal-ħolqien u l-ksib tal-E-ħiliet, ħiliet xjentifiċi u kreattivi u ħiliet maniġerjali u intraprenditorjali biex jittieħdu fil-mira swieq ġodda.<br><br>• | • 2014<br><br>• 2013<br><br>• Għaddej bħalissa |
| Trasferimenti kummerċjali | • L-iżvilupp ta’ linji gwida dwar l-aktar programmi effettivi u l-aqwa prassi biex it-trasferimenti kummerċjali jsiru aktar faċli, inklużi miżuri għat-twessigħ u t-tkabbir tas-swieq għall-intrapriżi, l-individwazzjoni ta’ programmi disponibbli fl-Ewropa u l-proposta ta’ azzjonijiet meħtieġa biex jitwarrbu l-ostakli possibbli li fadal għat-trasferimenti kummerċjali transkonfinali abbażi tal-ħidma ta’ grupp ta’ ħidma espert u ta’ studju. | • 2013-14 |
| Opportunità oħra għall-fallimenti | • It-tnedija ta’ konsultazzjoni pubblika għall-opinjonijiet mill-partijiet | • 2013 |

| | | |
|---|---|---|
| ġenwini | interessati dwar kwistjonijiet identifikati fil-Komunikazzjoni dwar approċċ ġdid Ewropew għall-falliment kummerċjali u l-insolvenza, inkluż l-għoti ta' opportunità oħra lill-fallimenti ġenwini u dwar li jiqsar u jiġi allinjat iż-"żmien tat-tneħħija tal-obbligi".<br>• | |
| Piż regolatorju: regoli aktar ċari u sempliċi | • Proposta ta' leġiżlazzjoni li tabolixxi rekwiżiti ta' awtentifikazzjoni ta' piż għal dokumenti pubbliċi li l-SMEs jridu jippreżentaw għat-twettiq ta' kummerċ transkonfinali fi ħdan is-Suq Intern.<br>• It-twaqqif ta' grupp ta' ħidma biex jivvaluta l-ħtiġijiet speċifiċi tal-imprendituri ta' professjoni libera fir-rigward ta' kwistjonijiet bħas-simplifikazzjoni, l-l-internazzjonalizzazzjoni jew l-aċċess għall-finanzi.<br>• Teħid ta' azzjoni biex jiġi żgurat li aktar impriżi jirċievu għajnuna permezz ta' SOLVIT meta l-jeddijiet tagħhom jiġu miċħuda fis-suq uniku mill-awtoritajiet pubbliċi. | • 2013<br>• 2013<br>• 2013 |
| **Mudelli u l-indirizzar ta' gruppi speċifiċi** | | |
| Perċezzjonijiet ġodda: L-imprendituri bħala mudelli | • It-twaqqif, fil-qafas tal-"Ġimgħa tal-SMEs", ta' "Jum l-Imprenditorija tal-UE" mal-Ewropa kollha għall-istudenti fl-aħħar sena tagħhom tal-edukazzjoni sekondarja. | • 2013 |
| In-nisa | • Il-ħolqien ta' pjattaforma ta' netwerking ta' konsulenza, pariri, edukazzjoni u imprenditorija għall-imprendituri nisa li se tqiegħed onlajn in-netwerk tal-ambaxxaturi u l-konsulenti nazzjonali attwali, twessa' l-offerta tagħhom u tespandi l-ilħuq tagħhom fil-livell nazzjonali u reġjonali. | • 2013-15 |
| L-anzjani | • Għajnuna lill-eżekuttivi anzjani u lill-imprendituri biex jagħtu pariri lill-imprendituri l-ġodda kif ukoll appoġġ | • 2013-15 |

| | | |
|---|---|---|
| | għall-konsulenza reċiproka u interġenerazzjonali bejn l-imprendituri, għall-iskambju tal-ħiliet vitali. | |
| Il-migranti | • Proposta ta' inizjattivi ta' politika biex jiġu attirati l-imprendituri migranti u biex tkun iffaċilitata l-imprenditorija fost il-migranti li huma diġà preżenti fl-UE jew li jaslu fl-Unjoni għal raġunijiet differenti u mhux biex iwaqqfu azjenda, abbażi ta' prassi tajba milll-Istati Membri.<br><br>• Analiżi tal-opportunità ta' proposta ta' leġiżlazzjoni biex jitneħħew l-ostakoli legali għall-imprendituri immigranti kwalifikati milli jwaqqfu azjenda u jiksbu permess ta' residenza stabbli. | • 2014-2017<br><br>• 2014-2017 |
| Il-qegħda | • Tnedija tal-faċilità futura tal-mikrofinanza skont il-PSCI li jkollha fil-mira tagħha l-gruppi vulnerabbli, inklużi persuni li tilfu x-xogħol jew jinsabu f'riskju li jitilfu x-xogħol, jew li jsibuha iebsa li jidħlu (jidħlu lura) fis-suq tax-xogħol.<br><br>• Permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, għoti ta' għajnuna teknika li tikkonċentra fuq it-twaqqif ta' skemi ta' appoġġ għall-imprendituri kummerċjali żgħażagħ u imprendituri soċjali.<br><br>• B'rabta mal-Faċilità ta' Mikrofinanza għall-Progress, l-organizzazzjoni ta' forum għall-partijiet interessati dwar il-mikrofinanza u l-imprenditorija soċjali biex l-intermedjarji finanzjarji lokali jidħlu għall-promozzjoni tal-imprenditorija fl-ekonomija li tirrispetta l-ambjent.<br><br>• Analiżi tal-indikazzjonijiet mill-istudju dwar "L-impjieg awtonomu u l-imprenditorija: il-kontribut tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg għall-ħolqien tal-impjieg", u l-organizzazzjoni ta' avveniment ta' tixrid biex it-tagħlimiet miksuba mis-Servizzi Pubbliċi tal- | • 2013<br><br>• Marzu 2013<br><br>• 2013<br><br>• 2013 |

| | | |
|---|---|---|
| | Impjieg jinqasmu ma' kulħadd. | |